# Sportiv

nru 139 - Ottubru 2018



11 Progett ta' €570,000 minn SportMalta
22 Intervista Charles Camilleri
34 Il-Moviment Ħieles tal-Atleti fl-UE




Looking for a new property? Bank of Valletta can assist you with a home loan built around your personal financial situation.

All loans are subject to normal bank lending criteria and final approval from the Bank. The term of the loan must not go beyond retirement age.

More information is available from www.bov.com or contact 2131 2020.

Issued by Bank of Valletta p.l.c., 58, Triq San Żakkarija, Il-Belt Valletta VLT 1130

Bank of Valletta p.l.c. is a public limited company regulated by the MFSA and is licensed to carry out the business of banking in terms of the Banking Act (Cap. 371 of the Laws of Malta).

BOV
Bank of Valletta



# EDITORJAL


Sportiv

Magażin Sportiv ta' kull xahar

Ħarġa Numru 139
Ottubru 2018


Ninsabu fi tmiem ta' xahar ieħor, u għal darba oħra qiegħed nerġa nwasslilkom edizzjoni oħra tal-magazine sportiv favorit tagħkom. F'din l-edizzjoni se nagħtu ħarsa qabel xejn lejn il-Ġimgħa Ewropea tal-Isport li ġiet organizzata b'suċċess minn SportMalta, il-proġett inawgurat dan l-aħħar minn naħa tal-istess awtorita' Maltija tal-isport fl-Imtaħleb għall-ġid tad-dilettanti tal-isport awtomobilistiku u l-pubbliku nġenerali, l-impenji u r-riżultati pożittivi miksuba mit-timijiet nazzjonali tal-football, it-tkomplija tal-kampjonat Premier u s-suċċessi tat-timijiet ta' Hibernians fl-ewwel finali tal-kompetizzjonijiet tal-basketball.

F'din l-edizzjoni wkoll ma jonqsux artikli u rubriki oħra mill-aktar interessanti fosthom intervista mas-sewwieq tat-tiġrijiet taż-żwiemel Charles Camilleri, artikli informattivi wkoll dwar triathlon, pool, ċikliżmu, baseball u softball, atletika, judo u football internazzjonali. Ma jonqsux ukoll il-kompetizzjonijiet ta' kull xahar tant imfittxija mill-qarrejja tagħna. Dan kollu jagħmel il-magazine Sportiv l-għażla tagħkom.

Din hija l-ewwel edizzjoni tiegħi bħala editur ta' din il-pubblikazzjoni u filwaqt li nirringrazzja lit-tmexxija tal-Union Print tal-fiduċja, inwiegħed l-impenn tiegħi biex dan il-magazine jkompli jikber, jibqa wieħed interessanti għall-gosti tal-qarrejja tagħna u ta' servizz għall-għaqdiet sportivi Maltin. Beħsiebna nkomplu nibnu fuq ix-xogħol siewi li wettaq l-editur ta' qabel Jesmond Moore għax Sportiv wasal fejn wasal illum grazzi għas-sur Moore u l-imħabba tiegħu lejn l-isport.

Inkomplu naħdmu biex Sportiv...jibqa l-uniku u l-aqwa magazine ta' kull sportiv.


*Kenneth Vella*

*kennethvella@hotmail.com*
*sportiv@unionprint.com.mt*



**Dipartiment tal-Avviżi**
25900200 / 230 / 235
adverts@unionprint.com.mt

**Disinn**
Stacy Sciberras
design@unionprint.com.mt

**Ritratti**
Roger Azzopardi
Christine Borg
Dominic Borg
Tonio Magro
Walter Sargent
Paul Zammit Cutajar
Joe Borg
Kurt Arrigo
Wally Galea

**Cover**
It-team nazzjonali Malti tal-football li kellu riżultati pożittivi fl aħħar partiti tiegħu



SPORTIV huwa ppubblikat u stampat minn Union Print Co. Ltd, Marsa. Dan il-magażin jingħata b'xejn mal-ġurnal l-orizzont u l-ebda parti minnu ma tista' tiġi kkoppjata mingħajr il-permess bil-kitba tal-pubblikaturi.

# KONTENUT





06 ▸ SportMalta
12 ▸ Football
20 ▸ Basketball
22 ▸ Żwiemel
24 ▸ Triathlon
26 ▸ Ċikliżmu
28 ▸ Erasmus+
32 ▸ Qari
34 ▸ MEUSAC
36 ▸ Gozo Sport
38 ▸ Judo
39 ▸ Pool
40 ▸ Storja Football Malti
42 ▸ Internazzjonali









36


39


42




# ATTIVITAJIET SPORTIVI GĦAL KULĦADD WAQT IL-ĠIMGĦA EWROPEA DDEDIKATA LILL-ISPORT

Waqt konferenza stampa li saret fuq il-pitch tal-waterpolo ta' Birżebbuġa, is-Segretarju Parlamentari għaż-Żagħżagħ, Sport u Għaqdiet tal-Volontarjat l-Onor. Clifton Grima flimkien mal-Kap Eżekuttiv ta' SportMalta Mark Cutajar fetaħ uffiċjalment il-Ġimgħa Ewropea ddedikata lill-Isport. Ġimgħa mpenjattiva ferm li kif spjega Mark Cutajar qed tiffoka fuq tliet temi. It-tema tal-Kommunita' li qed tiġi riflessa tajjeb bl-attività organizzata f'Birżebbuġa bil-kollaborazzjoni tat-tliet klabbs tal-lokal tal-waterpolo, ibburdjar u regatta fejn fiha kulħadd kien qed jiġi mħeġġeġ jippartecipa.

It-tema tal-post tax-xogħol fejn il-ħaddiema ta' SportMalta fil-Kumpless tal-Kottonera flimkien ma' ħaddiema oħra tal-madwar għamlu nofs siegħa attività fiżika sabiex indaħħlu l-kultura li waqt il-ħin tal-mistrieħ fuq il-post tax-xogħol wieħed jista wkoll ikun attiv fiżikament. It-tema ta' l-edukazzjoni b'attività kbira fl-iskejjel fejn ħa sehem ukoll is-Segretarju Parlamentari l-Onor. Clifton Grima flimkien ma' personalitajiet oħra. Minn naħa tiegħu l-Onorevoli Clifton Grima qal li huwa ta' mportanza kbira li kulħadd jipprattika xi forma ta' attività fiżika fejn għandna nkunu ta' eżempju għal ħaddieħor. Huwa semma u faħħar lit-tfajjel Jake Vella li minkejja l-kundizzjoni rari li għandu jipprattika sport impenjattiv u huwa xiehda ta' kemm l-isport huwa bżonnjuż fil-ħajja ta' kuljum tagħna. B'hekk ħeġġeġ lil kulħadd sabiex matul din il-ġimgħa jieħu sehem fid-diversi attivitajiet hekk kif kien se jagħmel hu fejn laqa' l-isfida tal-ħaddiema ta' SportMalta u tnejn mill-ambaxxaturi ta' l-attività li kienu preżenti Ryan Fenech u Karl Izzo sabiex jikkompeti magħhom f'dixxiplina li jagħżlu huma.

Mark Cutajar ħa l-opportunità sabiex jirringrazzja lil dawk kollha li taw sehemhom sabiex din il-Ġimgħa Ewropea ddedikata lill-Isport setgħet tiġi organizzata fejn stieden ukoll lil kulħadd għall-ewwel edizzjoni tal-BEACTIVE Night li saret fil-Kumpless Sportiv ta' Ħal Kirkop. Matul l-attivitajiet kollha tqassmu bosta tifkiriet bil-logo tal-BEACTIVE. Il-Ġimgħa Ewropea ddedikata lill-Isport kienet organizzata minn SportMalta bil-kollaborazzjoni ta' l-Għaqda Ġurnalisti Sport.

# AKTAR MINN 30 ELF PARTEĊIPANT U 60 ATTIVITÀ WAQT IL-ĠIMGĦA EWROPEA TA` L-ISPORT



Aktar minn 60 skola mis-setturi kollha edukattivi, ingħaqdu ma' studenti minn aktar minn 30 pajjiż madwar l-Ewropa sabiex jiċċelebraw il-Ġurnata Ewropea ddedikata għall-Isport fl-Iskejjel (ESSD). L-ESSD hija inizjattiva Ewropea bl-għan li żżid l-attività fiżika fost it-tfal bl-involviment tal-iskejjel.

Fi żjara li għamel is-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ, Sport u Għaqdiet tal-Volontarjat Clifton Grima fl-iskejjel Primarji ta' Ħal Għargħur, Pembroke u Sliema sostna li t-tfal għandhom ikunu esposti għall-attivitajiet diversi li jgħinuhom jibnu l-ħiliet fiżiċi speċjalment l-aġilità, il-bilanċ u l-kordinazzjoni li huma l-bażi ta' kull sport.

Clifton Grima qal li l-attivitajiet għandhom ikunu attraenti għat-tfal biex ma jarawx l-isport bħala dmir biss imma wkoll bħala attività li jieħdu gost jagħmluha.

L-ESSD hija attività sportiva li ssir darba fis-sena ġewwa l-iskejjel madwar il-pajjiż fl-istess ġurnata, fejn kull tifel u tifla jkunu esposti ghal 120 minuta ta' attività fiżika. L-iskop tal-ESSD huwa li tħajjar lil dawk it-tfal li jżommu lura milli jinvolvu ruħhom fl-isport sabiex jibdew ikunu parteċipi. Dan permezz ta' attivitajiet li huma addattati għal kull livell ta abilita'. Din hija parti mill-Ġimgħa Ewropea tal-Isport (EWOS) u parti mill-#Be Active Campaign.

L-ESSD kellha l-bidu tagħha ġewwa l-Ungerija fejn fl-2015 ġiet addottata minn 3 pajjiżi bħala proġett pilota. Malta ingħaqdet mal-ewwel grupp ta' 20 pajjiż Ewropew fl-2016 fejn l-ESSD ġiet imtella' f'aktar minn 60 skola madwar Malta. Fl-2017, l-ESSD madwar l-Ewropa u anke Malta, kompliet tikber. Tant hu hekk li ġiet stabbilita bħala parti mill-avvenimenti tal-EWOS. Fl-2018, in-numru ta' pajjiżi Ewropej parteċipi tela' għal iżjed minn 30.

L-għan ta' #MaltaESSD2018 huwa li aktar skejjel minn kull settur edukattiv jinqħaqdu f'din iċ-ċelebrazzjoni ta' Sport sabiex jintlaħaq l-iskop ta' din il-ġurnata. Bħas-snin preċedenti, SportMalta hija kommessa li tagħti l-għajnuna kollha meħtieġa sabiex kull skola jkollha l-possibilità li ttella' b'suċċess din l-attività.




# #BeActive NIGHT

Il-Ġimgħa Ewropea ta' l-isport ġiet fi tmiemha bil-kbir fi tmiem bil-BeActive Night fil-kumpless sportiv ta' Hal Kirkop. Din il-ġimgħa Ewropea ġiet organizzata f'pajjiżna minn SportMalta b'fondi ta` l-Unjoni Ewropea. Ġimgħa li rat lill-pajjiżi kollha fl-Unjoni u stati mill-balkani jqajmu kuxjenza biex iktar nies jagħmlu sport u attività fiżika.

L-attività ta` Sibt kellha attendenza numeruża ħafna u bdiet fis-sitta u baqgħet sejra sa nofs il-lejl. Kien hemm esebizzjonijiet u kompetizzjonijiet ta' Duathlon b'iktar minn 50 tifel u tifla jieħu sehem, cross fit li ġabar mijiet ta' parteċipanti, line dancing b'reġistrazzjoni li qabzet il-150 ruh, netball , diversi sessjonijiet ta' fitness, żfin , tournament ta` 3 kontra 3 baskitbol, esebizzjonijiet tal-BMX, table tennis u anke ta' uhud mill-karozzi li ħadu sehem fil-Malta Classic 2018.

Fi tmiem l-attività il-parteċipanti kollha ingħaqdu f'fitness party u li baqa' sejjer sa nofs il-lejl biex il-pajjiżi kollha ta' l-Ewropa jagħlqu l-ġimgħa Ewropea ta' l-isport fl-istess ħin.

Din l-attività ġabet fi tmiemha iktar minn 53 avveniment u parteċipazzjoni ta' iktar minn 25 elf ruh f'Malta u Għawdex. SportMalta tinsab ferm kuntenta b'dawn iċ-ċifri u tinsab kommessa biex iktar nies jiġu imħeġġa biex jieħdu sehem fl-isport li huwa garanzija ta' ħajja aħjar.




# IL-YOUTH DEVELOPMENT SCHEME SE TGĦIN LILL-ATLETI ŻGĦAŻAGĦ BIEX JIKSBU ESPERJENZA SPORTIVA F'AVVENIMENTI INTERNAZZJONALI

*Ritratti: DOI - Reuben Piscopo*

Mnedija t-tieni edizzjoni tal-Youth Development Scheme minn SportMalta f'kollaborazzjoni mal-Bank of Valletta. Din l-iskema hi mmirata lejn atleti ta' taħt it-18-il sena u tgħinhom biex ikomplu l-karriera sportiva tagħhom billi jipparteċipaw f'avvenimenti sportivi fuq livell internazzjonali.

Is-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ, Sport u Għaqdiet tal-Volontarjat Clifton Grima filwaqt li rringrazzja lil SportMalta u l-Bank of Valletta għal din il-kollaborazzjoni li se tkun ta' investiment fil-futur tal-atleti tagħna qal li "skema bħal din se tgħinna fil-preparazzjoni kemm jista' jkun ta' atleti għall-Logħob tal-Pajjiżi Żgħar tal-Ewropa fl-2023 li se tkun ospitata f'Malta. Din it-tieni edizzjoni tal-iskema se tkompli tibni n-numri u l-livell tal-atleti promettenti tagħna fi sforz biex tikseb numru kbir ta' midalji f'dawn il-logħob."

"Il-Bank of Valletta huwa sinonimu mal-isport f'Malta fejn jappoġġja l-organizzazzjoni tal-isport prinċipali f'Malta", qal is-Sur Anthony Scicluna. "Madankollu dejjem ħassejna li s-settur taż-żgħażagħ jeħtieġ aktar appoġġ, u din l-iskema, se tagħti l-opportunita lill-atleti żgħażagħ sabiex ikunu l-aqwa u jiksbu iktar riżultati pożittivi għal Malta".

Il-Youth Development Scheme se tgħin għoxrin atleta li se jkunu magħżula skont il-kapaċità personali u l-prestazzjoni tagħhom fl-isport rispettiv tagħhom. L-ispejjeż tat-titjiriet, il-miżati tal-parteċipazzjoni tal-avvenimenti u l-akkomodazzjoni kollha huma koperti minn din l-iskema. L-organizzazzjonijiet nazzjonali tal-isport tad-dixxiplini sportivi rispettivi jiġu mitluba minn SportMalta għal rakkomandazzjonijiet fir-rigward tal-prestazzjoni u l-potenzjal tal-atleta, sabiex jiġi żgurat li l-opinjonijiet tal-għaqdiet sportivi jiġu kkunsidrati.

Preżenti għal din it-tnedija kien hemm iċ-Chief Officer tal-Bank of Valletta Anthony Scicluna, iċ-Ċermen ta' SportMalta Luciano Busuttil u CEO ta' SportMalta Mark Cutajar. Iktar informazzjoni dwar l-iskema tista' tkun aċċessata permezz tal-websajt ta' SportMalta http://www.sportmalta.org.mt

# THE PRESIDENT'S SOLIDARITY FUN RUN 2018 GĦALL-4 TA' NOVEMBRU

Ġiet imnedija l-għaxar edizzjoni ta' The President's Solidarity Fun Run 2018 li din is-sena ser issir nhar l-4 ta' Novembru u li bħal dejjem issir b'risq il-Malta Community Chest Fund Foundation. Waqt konferenza ta' l-aħbarijiet, iċ-Chairman tal-Kumitat Organizzattiv, Mark Cutajar ħabbar li r-rotot ser jibqgħu dawk li issa indraw mill-Maltin u l-Għawdxin.

Il-mixjiet jitilqu mill-Universita', minn Santa Venera u minn Raħal Ġdid, filwaqt li l-ġirja titlaq mir-Rabat. Ir-rotot kollha jingħaqdu qrib Bieb il-Bombi, meta imbagħad jimxu flimkien lejn Pjazza San Ġorġ, fil-Belt Valletta. F'diskors qasir, il-President ta' Malta, Marie-Louise Coleiro Preca qalet li bħal kull sena, il-Fun Run għandha tkun ċelebrazzjoni – ċelebrazzjoni tal-volontarjat, ċelebrazzjoni ta' għaqda celebrazzjoni ta' solidarjetà u tal-ġenerożita' - valuri li jiddistingwuna minn oħrajn.

"Minn qalbi nittama li dakinhar tal-4 ta' Novembru nkunu għal din l-attivita', sabiex flimkien, nkunu ta' spalla għal dawk ħutna Maltin u Għawdxin li ta' kuljum jirrikorru għall-għajnuna tal-Malta Community Chest Fund Foundation," tenniet il-President.

Dawk kollha interessati jipparteċipaw għandhom jirrikorru fl-Uffiċċju tal-Malta Community Chest Fund Foundation, il-Belt Valletta, fil-Palazz ta' Sant' Anton, fil-fergħat ta' BNF Bank, jew fl-ispiżeriji ta' Brown's. Applikazzjoni tista' timtela' wkoll fuq is-sit www.mccf.store





# PROĠETT TA' 570 ELF EWRO MINN SPORTMALTA GĦAD-DILETTANTI TAL-KAROZZI FL-IMTAĦLEB

*Ritratti: DOI -Kevin Abela*

Fl-għeluq tal-ġimgħa Ewropea tal-isport, ġie inawgurat proġett li minbarra l-pubbliku se jibbenefikaw minnu dawk li jipprattikaw l-isport tal-hill climb.

Il-progett sar b'investiment ta' ħames mija u sebghin elf ewro u fost oħrajn ser joffri aktar sigurtà għad-dilettanti li jsegwu t-tlielaq tal-karozzi fil-kampjonat tal-hillclimb fl-Imtaħleb.

Id-dilettanti tat-tlielaq tal-karozzi ssoddisfaw xewqa oħra tagħhom bl-inawgurazzjoni ta' xogħlijiet li saru fit-telgħa tal-Imtaħleb li tintuża mid-dilettanti għal Hillclimbs. Dan bla dubju ta' xejn ser iservi biex jogħla l-livell tas-sewqan f'din it-triq u anke jaghti il-possibilità li aktar sewwieqa barranin jiġu jikompetu Malta. Id-dilettanti tal-Hill Climb li jtelqu b'veloċità f'telgħa mimlija sfidi jorganizzaw kampjonat kull sena li matulu jsiru tmien tlielaq u jtellqu f'kategoriji differenti.

Il-proġett sar b'investiment ta' aktar min-nofs miljun Ewro fuq l-inizjattiva ta' SportMalta li sabu l-għajnuna tal-Ministeru tal-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali. Il-Kap Ezekuttiv ta' SportMalta, Mark Cutajar, qal li dan hu investiment ieħor fl-infrastruttura sportiva li kien ilu mixtieq mid-dilettanti numerużi tal-hillclimbs. Hu qal li dan il-proġett ghandu 2.4 km ta' asfaltar tal-ogħla livell. Barra minn hekk saru wkoll barriers apposta, 370 għall-protezzjoni tas-sewwieqa, u anki għal meta ma jkunx hawn it-tlielaq, għax hawn jużah il-pubbliku inġenerali.

Il-proġett ġie inawgurat mill-Ministru għat-Trasport u l-Infrastruttura Ian Borg u mis-Segretarju Parlamentari għall-Isport Clifton Grima fil-preżenza taċ-Cermen ta' SportMalta Luciano Busuttil. Il-Ministru Borg qal li l-Gvern wettaq din il-wegħda elettorali u flimkien ma' SportMalta għadu qiegħed jaħdem fuq il-wegħda għal korsa tat-tlielaq tal-karozzi.

Is-Segretarju Parlamentari Clifton Grima qal li l Gvern qed jinvesti fl-infrastruttura u fl-atleti biex jikkompetu u jieħdu esperjenza barra minn xtutna. Dr Grima qal li din is-sena għad iridu jinfetħu tliet faċilitajiet oħra għall-isportivi – akkademja tal-isnooker, il-grawnds ta' Marsaskala u ta' Birżebbuġa. Qal li ftit ġranet oħra se jitqassmu €88,000 għad-dilettanti tal-karozzi biex jgħinuhom jipparteċipaw f'kompetizzjonijiet barra l-pajjiż.

Tonio Cini, President tal-Malta Motor Sport Federation irringrazzja lill-Gvern tax-xogħol siewi li qed isir għal dan l-Isport f'pajjiżna.




# KAMPJONAT PREMIER BOV

## GŻIRA UTD IKOMPLU FEJN ĦALLEW L-ISTAĠUN L-IEĦOR




*Ritratti: Dominic Borg u Christine Borg*

Gżira United qed ikomplu fejn ħallew l-istaġun l-ieħor u jinsabu jillidjaw il-Kampjonat Premier sa qabel waqfa li saret biex it-tim nazzjonali mar jilgħab f'logħbiet mill-UEFA Europa League kontra l-Kosovo fi Pristina u l-Azerbaijan f'Baku. Gżira Utd, li fl-istaġun l-ieħor spiċċaw runners-up u kkwalifikaw għall-Europa League jinsabu jaħdmu biex iwettqu l-proġett li jsiru l-ewwel tim tal-futbol professjonali f'Malta. It-tim ta' Darren Abdilla kiseb ħames rebħiet u draw mill-ewwel sitt partiti u issa sal-aħħar tax-xahar għandhom logħbiet kontra Senglea u Balzan FC li propju tintlagħab illum.

### Isegwu Sliema Wds, Valletta, Balzan u Hibs

Sliema Wanderers wara s-sitt logħbiet għandhom 13-il punt waqt li jsegwu hemm Valletta, Balzan u Hibernians li għandhom 12-il punt kull wieħed. Valletta li mingħand Balzan akkwistaw lil Bojan Kaljevic rkupraw minn bidu ħażin u kisbu erba' logħbiet infila waqt li Balzan ukoll għamlu xi passi ħżiena u waħda



mil-logħbiet li tilfu qabel il-waqfa kien hemm it-telfa kbira ta' 4-1 li ġarrbu kontra Valletta b'wieħed mill-goals jiskurjah propju l-eks Kaljevic.

Birkirkara wara bidu tajjeb ġarrbu żewġ logħbiet wara xulxin u dan minkejja li baqgħu jissaħħu bl-akkwist tal-player internazzjonali Malti Myles Beerman li għamel xi staġuni jilgħab fl-Iskozja fosthom anki fl-ewwel tim tar-Rangers.

### Floriana qed jirkupraw

Anki Floriana li minn dan l-istaġun ingħaqad magħhom l-internazzjonali Clayton Failla, wara bidu diżastruż fejn anki bidlu l-kowċ u issa għandhom lil Luis Oliviera qed jirkupraw u kisbu tliet rebħiet wara li ġarrbu tliet telfiet. B'disa' punti daqs Floriana u Birkirkara insibu lil Ħamrun Spartans immexxija mill-kowċ Taljan Giovanni Tedesco. Huma ġew draw tliet darbiet 0-0 fosthom tnejn kontra Gżira Utd u Sliema Wanderers. Mil-logħbiet l-oħra rebħu tnejn u tilfu waħda kontra Tarxien Rainbows. Isegwu mbagħad hemm Mosta, Tarxien Rainbows, St. Andrew's, Pieta Hotspurs u Qormi FC li bejniethom hemm tliet punti. Fl-aħħar post hemm Senglea Ath FC li għadhom mingħajr rebħa u kull m'għandhom sa issa hu punt.

### Skurjati 127 goal

Sa issa ġew skurjat 127 goal, wara li kull tim sal-waqfa tat-tim nazzjonali kien lagħab sitt logħbiet. L-aqwa scorers b'seba' goals kull wieħed hemm l-attakkanti ta' Valletta Kaljevic u Fontanella. Intant fost l-ewwel aqwa għaxar skorers hemm biss player wieħed Malti Jurgen Degabriele ta' Hibernians bi 3 goals. Id-disa' players l-oħrajn huma kollha barranin.

U la qed nitkellmu fuq il-players barranin f'dawn l-aħħar ġimgħat kien hemm diskussjoni jekk in-numru ta' players barranin għandux ikun miftuħ għal aktar minn sebgħa, Imma l-President tal-MFA, Norman Darmanin Demajo hu kontra din il-proposta tal-Premier Division Standing Committee għax dan ikompli joħnoq l-ispazju għall-players Maltin b'detriment għat-tim nazzjonali fejn l-għażla għall-kowċ nazzjonali tkompli tkun ristretta.


CALIL
70
POWERADE
10
11
macron


famalco.net
5



## IR-RIŻULTATI MIT-TIELET GĦAS-SITT ĠURNATA

### It-3 Ġurnata

| | |
|---|---|
| Sliema Wds v Gżira Utd | 0-2 |
| Mosta FC v Tarxien R. | 3-1 |
| Birkirkara FC v Valletta FC | 0-3 |
| Ħamrun S. v St. Andrew's | 1-0 |
| Senglea Ath v Balzan FC | 0-5 |
| Qormi v Pieta Hotspurs | 2-2 |
| Hibernians v Floriana FC | 0-2 |

### Ir-4 Ġurnata

| | |
|---|---|
| Gżira Utd v Hibernians | 3-2 |
| Floriana FC v Birkirkara FC | 0-2 |
| Tarxien R v Ħamrun S | 2-1 |
| St. Andrew's v Sliema Wds | 0-2 |
| Balzan FC v Mosta FC | 3-1 |
| Valletta FC v Qormi FC | 6-0 |
| Pieta Hotspurs v Senglea Ath | 1-1 |

### Il- 5 Ġurnata

| | |
|---|---|
| Birkirkara FC v Gżira Utd | 1-2 |
| Sliema W. v Tarxien R | 3-1 |
| MostaFC v Ħamrun S. | 0-0 |
| Balzan v Pieta Hotspurs | 1-0 |
| Senglea Ath v Valletta FC | 1-5 |
| Qormi FC v Floriana FC | 1-3 |
| Hibernians v St. Andrew's FC | 2-0 |

### Is-6 Ġurnata

| | |
|---|---|
| St. Andrew's FC v Birkirkara | 2-0 |
| Gżira Utd v Qormi FC | 1-0 |
| Floriana FC v Senglea AFC | 4-1 |
| Tarxien R v Hibernians | 2-4 |
| Ħamrun S v Sliema Wds | 0-0 |
| Pieta Hotspurs v Mosta FC | 3-1 |
| Valletta FC v Balzan FC | 4-1 |




# REBĦA IMPORTANTI U DRAMMATIKA GĦAL MALTA

Malta kisbet l-ewwel rebħa fi Grupp 6 tar-round ta' kwalifikazzjoni tal-Kampjonat Ewropew ta' Taħt il-21 sena meta kisbet rebħa drammatika ta' 2-1 fuq l-Ungerija. Din ir-rebħa ġabet magħha arja friska fil-kamp Malti hekk kif għal diversi ġimgħat kien taħt kritika minħabba li r-riżultati ma bdewx ġejjin kif mixtieq.

Kienu l-Ungeriżi li ħolqu l-ewwel periklu wara biss ħames minuti meta Atilla Szalai indirizza cross fil-baxx lejn Daniel Gazdag li kellu t-tentattiv tiegħu jiġi salvat mill-goalkeeper Malti, Jake Galea, li iżda ma żammx, bid-difiża Maltija tkun pronta u tikklerja l-ballun f'sigurtá. Il-Maltin wettqu reazzjoni mill-aqwa u ta' dan ġew ippremjati meta fit-12-il minuta fetħu l-iskor hekk kif il-captain Jurgen Degabriele xeħet free-kick insidjuż fejn MATTHEW GUILLAUMIER għola tajjeb u b'daqqa ta' ras mill-viċin tefa' l-ballun fix-xibka. Il-Maltin komplew fuq l-offensiva u sitt minuti wara, Kyrian Nwoko ttanta xortih permezz ta' xutt perikoluż minn tarf il-kaxxa li iżda għadda ftit barra. L-Ungeriżi wieġbu fl-20 minuta meta Kevin Varga indirizza cross lejn Donat Zsoter li kellu l-konklużjoni tiegħu tintemm ftit għoli. Huma reġgħu ħolqu l-periklu fil-41 minuta meta Janos Hegedus rebaħ ballun f'nofs ground, baqa' javvanza u kellu x-xutt fraġili tiegħi minn tarf il-kaxxa jiġi newtralizzat minn Jake Galea. Fil-ftuħ tat-tieni taqsima, l-Ungeriżi ħarġu ferm aggressivi fit-tentattiv li jagħmlu l-iskor indaqs ... u ma damux m'għamlu dan. Kien proprju fit-48 minuta li Donat Dzataer xeħet cross insidjuż lejn ATTILA SZALAI, li permezz ta' daqqa ta' ras mill-viċin tefa' l-ballun wara Jake Galea. Madankollu, il-Maltin wieġbu tajjeb għal dan il-goal u fis-56 minuta, tilfu ċans tad-deheb li jerġgħu jaqilbu l-iskor favurihom meta Kyrian Nwoko għadda tajjeb lejn Jurgen Degabriele li min-naħa tiegħu serva lill-midfielder Dunstan Vella li avvanza tajjeb fil-kaxxa iżda ra x-xutt fil-baxx tiegħu jiġi mdawwar f'corner bi bravura minn Balazs Bese. Madankollu, tliet minuti biss wara kienu l-Ungeriżi li kienu għoddhom fetħu l-iskor meta Kevin Varga xeħet cross-shot fil-baxx għan-nofs iżda l-goalkeeper Malti kien pront u interċetta kull periklu. Fit-72 minuta, il-Maltin reġgħu ħolqu l-periklu meta Zachary Scerri, indirizza corner lejn Kyrian Nwoko li ra t-tentattiv tiegħu minn daqqa ta' ras mill-viċin jiġi mdawwar f'corner minn Bese. Kellu jkun l-attakkant ta' Birkirkara misluf mingħand Glasgow Rangers, MYLES BEERMAN, li skorja l-goal tar-rebħa fil-ħin miżjud meta wara li rċieva mingħand Jurgen Degabriele, mill-viċin spara l-ballun fix-xibka.

**MALTA:** 1-Jake Galea, 2-Jean Borg, 3-Kurt Zammt, 4-Karl Micallef, 5-Dunstan Vella, 6-Matthew Guillamier (14-Nikolai Muscat 73), 9-Kyrian Nwoko, 10-Jurgen Degabriele (18-Zachary Brincat 90), 11-Myles Beerman (7-Jan Busuttil 90), 16-Michele Sansone, 17-Zachary Scerri - Coach: Silvio Vella

**UNGERIJA:** 12-Balazs Bese, 8-Daniel Gazdag (20-Bence Bano-Szabo 75), 9-Bence Biro, 10-Donat Zsoster, 11 Kevin Varga, 13-Attilla Szalai, 15-Janos Hegedus (7-Gabor Makrai 46) (2-Donat Szivacski 65), 18-Atilla Haris, 19-Norbert Kundrak, 21-Mate Katona, 23-Csaba Spandler- Coach: Michael Boris

**REFEREE:** Eldorjan Hamiti (Albanija)
**ASS. REFEREES:** Egin Doda, Ilir Tartaraj (Albanija)
**RABA' UFF:** Olsid Ferataj (Albanija)
**SKORERS:** M. Guillaumier 12, M. Beerman 90 (M), A. Szalai 48 (U)
**AMMONITI:** M. Beerman, D. Vella, J. Galea (M), G. Makrai (U)



# GOAL DRAMMATIKU JAGĦTI PUNT LIL MALTA

## Malta 1 - Ċipru 1

Kellu jkun goal drammatiku fil-ħin miżjud ta' Kyrian Nwoko li ta punt ieħor lit-team nazzjonali Malti ta' Taħt il-21 sena fi draw ġust ta' 1-1 kontra Ċipru. B'hekk Malta temmet fil-qiegħ tal-klassifika ta' Grupp 6 tar-round ta' kwalifikazzjoni tal-Kampjonat Ewropew liema fażi finali se ssir is-sena d-dieħla fl-Italja u f'San Marino. Malta rreġistrat erba'punti bi tlieta minnhom ġew akkwistati nhar il-Ġimgħa li għadda fir-rebħa ta' 2-1 kontra l-Ungerija.

Fl-ewwel taqsima, il-Maltin ftit li xejn impressjonaw iżda fit-tieni taqsima wettqu reazzjoni mill-aqwa. Ta' min isemmi li l-coach Malti Silvio Vella għażel li jaddotta l-istess sistema tattika għal dik li utilizza kontra l-Ungerija, jiġifieri dik ta' 4-3-3, waqt li għażel li jibda bl-istess formazzjoni li għelbet lill-Unigerija. Kienu Ċipru li ħarġu fuq l-offensiva u wara disa' minuti Christos Wheller kellu xutt mill-viċin jiġi mdawwar f'corner bi bravura mill-goalkeeper, Jake Galea. Huma komplew jippressaw u ħames minuti wara, Christos Hadjipaschalis indirizza cross lejn Paris Psaltis li kellu r-rovexxjata tiegħu tintemm ftit barra.

B'mod gradwali beda joħroġ fid-deher id-dominju assolut Ċiprijott u fil-31 minuta, xutt insidjuż ta' Paris Psaltis ġie mdawwar f'corner minn Jake Galea. Fil-35 minuta, Ċipru fetħu l-iskor meta d-difiża Maltija naqqset li tikklerja pass fit-tul bi CHRISTOPH WHEELER minn pożizzjoni ideali mingħajr u wisq diffikultá xeħet il-ballun fix-xibka b'xutt fil-baxx. Fil-61 minuta, il-Maltin ħolqu l-ewwel periklu permezz ta' free-kick tal-captain Jurgen Degabriele li ġie salvat mill-goalkeeper Andreas Christodoulou. Huma komplew jagħfsu u fis-76 minuta, Myles Beerman xeħet cross lejn Jurgen Degabriele li għola tajjeb iżda ra d-daqqa ta' ras tiegħu mill-viċin tintemm ftit għoli. Proprju żewġ minuti biss wara, Malta tilfet ċans tad-deheb li ġġib l-iskor indaqs meta s-solitu Jurgen Degabriele dar tajjeb ma' difensur avversarju qabel kellu x-xutt tiegħu bid-dawra minn qagħda tajba jiġi nnewtralizzat f'corner minn Andreas Christodoulou. Fit-82 minuta, konna sfortunati li ma ksibniex id-draw meta x-xutt mill-viċin ta' Matthew Guillaumier stampa mal-mimduda. Il-Maltin bdew jassedjaw il-lasti avversarji u ta' dan ġew ippremjti meta proprju fil-ħin miżjud, wara taħwida fil-kaxxa, l-atttakkant ta' Valletta, KYRIAN NWOKO, mill-viċin spara l-ballun fix-xibka.

**MALTA:** 1-Jake Galea, 2-Jean Borg, 3-Kurt Zammit, 4-Karl Micallef, 5-Dunstan Vella, 6-Matthew Guillaumier, 9-Kyrian Nwoko, 10-Jurgen Degabriele, 11-Myles Beerman (15-Christian Mercieca 88), 16-Michele Sansone, 17-Zachary Scerri (7-Jan Busuttil 69) - Coach: Silvio Vella

**ĊIPRU:** 1-Andreas Christodoulou, 3-Christos Wheeler (14-Georgios Malekkidis 84), 5-Pavlos Korrea, 7-Matija Spoljaric (4-Giorgos Papageorgiou 73), 10-Andreas Fragkou (13-Marios Ilia 67), 11-Ioannis Pittas, 16-Harry Kyprianou, 17-Christos Hadjipaschalis, 18-Sean Ioannou, 19-Costas Soteriou, 23-Paris Psaltis - Coach: Nicos Andronicou

**REFEREE:** Admir Sehovic (Bosnja)
**ASS. REFEREES:** Senad Ibrisimbergovic, Sreten Udovicic (Bosnja)
**RABA' UFF:** Irfan Peljto (Bosnja)
**SKORERS:** C. Wheeler 35 (Ċ); K. Nwoko 90 (M)
**AMMONITI:** K. Micallef, M. Sansone (M), S. Ioannou, P. Korrea, M. Spoljaric, M. Ilia (Ċ)



# MALTA KONTRA L-UNGERIJA F'ŻEWĠ TESTIJIET DIFFIĊLI

*Ritratt: Joe Borg*

It-tim nazzjonali tan-nisa mmexxi minn Mark Gatt ospita lill-Ungerija f'żewġ partiti internazzjonali bi preparazzjoni għal kwalifikazzjonijiet tal-kampjonati Ewropej tal-2021, li se jibdew f'Awwissu li ġej. L-Ungerija, li huma fil-posizzjoni numru 45 tar-rankings tal-FIFA, ħarġu rebbieħa fiż-żewġ konfronti kontra pajjiżna, li qiegħed fit-98 post. Fl-ewwel partita, milgħuba fil-5 ta' Ottubru, il-Maltin sabuha diffiċli biex isibu x-xibka avversarja, bl-Ungeriżi joħorġu rebbieħa b'gowl uniku skorjat minn Zsanett Jakabfi li għandha l-fuq minn mitt apparenza mat-team Ġermaniż ta' Wolfsburg, li huwa fost l-aqwa timijiet ewropej fil-futbol tan-nisa.

**MALTA:** Janice Xuereb; Stephania Farrugia, Jade Flask, Charlene Zammit (Rebecca Bajada 73'), Ann-Marie Said, Dorianne Theuma © (Tracy Theuma 78'), Shona Zammit, Brenda Borg (Claudette Xuereb 64'), Kim Parnis (Amber Grech 42'), Martina Borg (Ylenia Carabott 46'), Roxanne Micallef (Yolande Attard 46').

**UNGERIJA:** Reka Szocs; Szilvia Szeiti, Viktoria Szahn, Lilla Turanvi, Evelin Fenvvesi (Diana Csanvi 61'), Evelin Mosdoczi (Alexandra Toth 70'), Henrietta Csiszar © (Dora Papp 82'), Zsofia Racz, Zsanett Jakabfi (Loretta Nemeth 90'+4'), Fanni Vann (Kinna Sikler 82'), Dora Sule (Petra Kocsan 61').

Fit-tieni impenn l-Ungeriżi ddominaw lill-Maltin u ħarġu rebbieħa bl-iskor ta' 3-0. L-Ungerija, immexxijja minn Edina Marko, skorjaw żewġ gowls fl-ewwel 45 minuta permezz tal-captain Henrietta Csiszar u Zsofia Racz, f'taqsima fejn il-Maltin kellhom iċ-ċansis tagħhom permezz ta' Shona Zammit u Brenda Borg iżda fallew milli jsibu x-xibka għal Malta. It-tielet gowl wasal mingħand Csiszar li sabet it-tieni gowl personali għaliha f'din il-partita. Hawnhekk, il-kowċ Gatt beda jintroduċi xi wċuħ ġodda fil-grawnd iżda madankollu l-Maltin ma setgħux isibu l-gowl kontra d-difiża b'saħħitha tal-Ungerija.

**MALTA:** Janice Xuereb (Rachelle Lynn Borg 46'), Stephania Farrugia (Tracy Theuma 46'), Jade Flask, Charlene Zammit, Rebecca Bajada (Simone Buttigieg 86'), Ann-Marie Said, Dorianne Theuma ©, Shona Zammit, Emma Xuereb (Claudette Xuereb 46'), Brenda Borg (Ylenia Carabott 70'), Amber Grech (Martina Borg 31').

**UNGERIJA:** Barbara Biro (Anna Samu 46'); Szabina Talosi, Viktoria Szahnn (Anita Pinczi 46'), Lilla Turanvi (Horti Boglarka 46'), Evelin Mozdocsi (Dora Pann 65'), Evelin Fenvvesi, Henrietta Csiszar ©, Petra Kocsan, Zsofia Racz (Anna Csiki 61'), Zsanetta Jakabfi (Loretta Nemeth 56'), Fanni Vann.

Matul dawn iż-żewġ partiti, il-kowċ Gatt ta debutt lil żewġ plejers ta' Swieqi United, Yolande Attard u Simone Buttigieg. Ir-referee f'dawn iż-żewġ partiti kienet l-Ispanjola, Maria Dolores Martinez Madrina. Sadanittant, il-kowċ Gatt tkellem fuq dawn iż-żewġ partiti fejn fi kliemu, l-Ungerija provdew test b'saħħtu lit-tim Malti. "Kien test diffiċli iżda l-Ungerija huma tip ta' avversarji li se nsibu fil-fazi ta' kwalifikazzjoni." "Minkejja li kienet logħba ta' ħbiberija, wieħed jiddejjaq jitlef, ibda mill-plejers u kif ukoll l-staff. Fl-ewwel ħarġa, naħseb konna ta' l-istess livell tagħhom u infatti rajna ħafna pożittiv," żied jgħid Gatt rigward it-telfa ta' 1-0. Gatt kien kuntent li kien hemm diversi plejers li komplew jgħollu l-livell tagħhom u b'hekk, it-tim qiegħed jikber fil-kunfidenza tiegħu. Madankollu, Gatt wera xi ftit id-diżappunt tiegħu għal fatt li hemm xi plejers li għadhom iridu jgħollu l-livell tagħhom, speċjalment minn aspett ta' fiżika. "Meta tilgħab kontra avversarji professjonali, huwa normali li ħa jkollok test iebes mill-lat fiżiku u fil-każ tagħna, mhux dejjem faċli nreġġu din it-tip ta' logħba," qal Gatt. Pero', fl-aħħar mill-aħħar Gatt qal li huwa ottimist għall-futur u kunfidenti għall-impenji li jmiss, turnament organizzat f'Jannar mill-MFA fejn qiegħed jispera li jkollu l-plejers kollha għad-disposizzjoni tiegħu.

# TAHT ID-19-IL SENA

Fil-bidu ta' Ottubru, it-tim tan-nisa ta' taħt id-19-il sena mmexxi minn Frank Schembri kien involut fil-fażi ta' kwalifikazzjonijiet għal kampjonati Ewropej ta' l-2019 li se jsiru fl-Skozja. Matul dawn il-partiti validi għal Grupp 1, Malta affrontat lill-Ingilterra, Slovakkja u Kroazja, b'dawn ta' l-aħħar ospitaw dan it-turnament. Ta' min isemmi li dawn it-tliet pajjiżi qegħdin f'pożizzjonijiet iżjed fuqna fir-rankings tal-FIFA. Malta spiċċat fit-tielet post wara li fl-aħħar partita ħadet draw ta' mingħajr gowls kontra l-Kroati, u permezz ta' differenza fil-gowls aħjar, it-tim ma spiċċax l-aħħar post. Din ma kenitx l-ewwel darba li Malta kisbet xi punti, hekk kif anke fl-2013 u fl-2014 il-Maltin kienu rnexxielhom jiġbru l-punti f'dan ir-rawnd.

Fl-ewwel partita, Malta sofriet telfa kbira ta' 9-0 kontra l-Ingilterra, rebbieħa ta' dan it-turnament fejn Il-gowls waslu permezz ta' hat-trick ta' Aimee Palmer, Esme Beth Morgan, Jessica Naz li skurjat tnejn, Gabriella Lucie Ravenscroft, Amy Rodgers u Jessica Park. Fit-tieni konfront kontra l-Islovakki, minkejja li l-Slovakki skorjaw sitt gowls, Malta rnexxielha ssib ix-xibka grazzi għal plejer li tilgħab fil-Ġermanja, Jana Barbara. Il-gowls tal-Slovakkja waslu permezz ta' Laura Zemberyova, Diana Lemesova, Stela Semanova, Viktoria Kratochvilova, Desana Dianiskova, Katarina Ninajova u Lucia Droppova. Fl-aħħar impenn tagħhom, il-Maltin għalqu bi dro kontra l-organizzaturi, jiġifieri l-Kroati biex temmew din il-fażi fuq nota pożittiva. Il-kontinġent Malti taħt it-tmexxija tal-coach Frank Schembri kien iffurmat minn 20 plejer.

**GOALKEEPERS:** Patricia Ebejer (Mġarr United), Jodie Attard (Hibernians).

**DEFENDERS:** Chloe Ann Ellul, Jessica Lee Dimech, Leanne Cefai (Hibernians), Valentina Rapa (Gozo), Cherise Zammit, Rohanne Zahra (Raiders Luxol), Nicole Zammit (Birkirkara), Nicole Sciberras (Grifone Gialloverde).

**MIDFIELDERS:** Celeste Grech (Swieqi United), Angelique Schembri, Maia Debono (Mġarr United), Kayleigh Chetcuti (Hibernians), Maria Farrugia (Gozo), Michela Bonello Ghio (Raiders), Samantha Zarb, Sarah Urpani (Birkirkara), Jana Barbara (SGS Essen).

**FORWARDS:** Demi Magrin (Kirkop United).

**STAFF TEKNIKU:** Coach: Frank Schembri, Assistant Coach: Dionne Tonna, Goalkeepers Coach: Roger Camilleri, Physical Trainer: Karl Attard

# BOV WOMEN'S SUPER CUP

## Hibs jissorprendu lil Birkirkara

Hibernians rebħu l-ewwel tazza tagħhom wara sentejn wara li għelbu lil Birkirkara bl-iskor ta' 3-0 fil-BOV Women's Super Cup. Il-Pawlisti issa rebħu din it-tazza seba' darbiet, rekord fl-storja ta' din il-kompetizzjoni, bl-aħħar waħda kienet fl-2016 kontra l-Karkariżi bl-skor ta' 5-3. Żewġ gowls fl-ewwel taqsima għenu lil Hibs jirbħu din it-tazza li żgur mhux forsi se tkun ta' vantaġġ morali għalihom għal kampjonat ta' din is-sena li diġa ra l-bidu tiegħu matul dan ix-xahar. Matul din il-partita, iż-żewġ timijiet taw id-debutt lil xi plejers ġodda li ffirmaw magħhom matul is-sajf fosthom Kailey Willis, Ylenia Carabott u Rebecca Bajada għal Birkirkara u Jade Schembri, Jessica Dimech, Leanne Cefai, Chloe Ann Ellul u l-Ungeriża Rosana Vidak ta' Hibernians. Il-partita kienet waħda pjaċevoli fejn l-azzjonijiet ma naqsux, b'Birkirkara joħorġu aktar fuq l-offensiva fejn kellhom ċansis permezz ta' Farrugia u Willis sabiex jmorru fil-vantaġġ. Madankollu, Hibernians fetħu l-vantaġġ permezz ta' awto-gowl ta' Ann-Marie Said wara nuqqas ta' komunikazzjoni mal-gowlkeeper internazzjonali Janice Xuereb. It-tim ta' Birkirkara mmexxi mill-coach Għawdxija, Melania Bajada pprova joħloq reazzjoni iżda minflok kienu l-Pawlisti li sabu x-xibka għat-tieni darba permezz ta' Francesca Chircop wara kontrattakk maħdum tajjeb. Fit-tieni taqsima, l-Karkariżi kienu viċin li jiskurjaw fejn saħansitra laqtu l-lasta permezz ta' Tracy Teuma iżda dan kien kollu għalxejn għaliex Hibernians sabu t-tielet gowl, din id-darba permezz ta' Emma Xuereb.

BIRKIRKARA: Janice Xuereb; Ann-Marie Said, Kimberly Parnis, Stephania Farrugia ©, Samantha Zarb (Rebecca Bajada 70'), Tracy Theuma, Alishia Sultana (Kailey Willis 21), Raina Giusti (Mariah Sciberras 88'), Veronique Mifsud (Jelena Sakic 46'), Yasmeen Vella, Ylenia Carabott.
Coach: Melania Bajada

HIBERNIANS: Dorienne Grech; Jade Schembri (Chloe Ann Ellul 76'), Dorianne Theuma © (Rosana Vidak 90'+4'), Jade Flask, Emma Xuereb, Mandy Debono (Jessica Dimech 90'+4'), Shona Zammit, Charlene Zammit, Francesca Chircop (Leanne Cefai 88'), Nicole Borg (Ruth Steer-Chetham 66'), Chantelle Grech.
Coach: Neil Zarb Cousin
Referee: Alex Johnson.

Għal aktar informazzjoni dwar il-football tan-nisa ibgħat email fuq: footballgirls@mfa.com.mt




# TRIJONF DOPPJU GĦAL HIBERNIANS

**Finali Super Cup Irġiel**
**Hibernians 84**
**Luxol 68**
**(20-18, 20-17, 28-22, 16-11)**

Hibernians rebħu l-finali tas-Super Cup tal-Irġiel għall-ewwel darba. Il-Pawlisti dehru għall-ewwel darba, f'din il-finali, l-istaġun li għadda, meta ħarġu telliefa, kontra l-istess Luxol. Din id-darba l-folja nqalbet, meta ċ-champions kisbu rebħa komda.

Iż-żewġ naħat kienu nieqsa minn xi elementi tagħhom. Hibs kellhom lit-Taljan, Luca Tardito, ma jiflaħx, is-Serb, Marco Matijevic, kien imweġġa' u s-Serb l-ieħor, Ivan Demcesen jista' jilgħab biss fil-bidu ta' Novembru, meta tinfetaħ tieqa oħra ta' reġistrar. Il-Vjola kienu mingħajr Nikola Vasovic, u l-Montenegrin, Filip Sekulic, li wkoll irid jistenna sa Novembru.

Luxol fetħu b'vantaġġ ta' 7-2, meta l-Isvediż, William Ahlberg, għamel trippla. Chad Cuschieri Patus, bl-isem ġdid, wara ż-żwieġ tiegħu, u Anton Axiaq ġabu lil Hibs lura, u marru minn fuq. Luxol wieġbu bi break ta' 9-3, meta CJ Cordina kellu trippla, imma Roderick Vella wkoll beda s-serje tiegħu ta' trippli, għaċ-champions. Sa tmiem it-taqsima, iċ-champions reġgħu marru minn fuq, bi break ta' 9-2, u trippla oħra, minn Vella.

Fit-tieni sessjoni Vukassin Jandric għamel l-ewwel trippla tiegħu, għall-vantaġġ ieħor, mill-Vjola, imma r-risposta ta' Hibernians kien break ta' 10-2, meta l-Ispanjol, Alvaro Lizaur, fetaħ il-punteġġ personali tiegħu.

Jandric wieġeb bi trippla oħra, imma l-Pawlisti fetħu l-vantaġġ li kellhom, bi break ta' 9-2, meta Vella żied trippla oħra. Il-Vjola rkupraw sal-intervall, meta tellgħu punteġġ ta' 7-2, imma kienu għadhom 35-40 fl-iżvantaġġ.

Wara l-mistrieħ, Luxol resqu viċin darbtejn, hekk kif Ahlberg kellu t-tieni trippla. Iċ-champions żiedu l-vantaġġ bi break ieħor, ta' 12-2, u aktar punti ta' Cuschieri Patus, u trippla oħra minn Vella. It-trippli komplew ġejjin, b'oħra minn Vella, imma l-Vjola kellhom lil Ahlberg, Cordina u Jandric jagħmlu tagħhom.

Logħob tajjeb fl-aħħar, ġab lil Hibs 68-57 fuq quddiem għall-aħħar taqsima. Huma komplew jifthu l-vantaġġ li kellhom, bi break ta' 8-0, u żewġ trippli ta' Luke Farrugia. Luxol irrispondew, bi break ta' 9-2, meta Jandric kellu trippla oħra. Ftit kien fadal ħin, u Hibs temmew il-partita bil-ħames trippla, minn Vella, għal rebħa komda.

Wara l-logħba, il-president tal-MBA, Paul Sultana, ippreżenta t-trofew tar-rebħ lill-captain, li però ma lagħabx, Marco Matijevic, meta l-Pawlisti niżżlu isimhom għall-ewwel darba fuq dan l-unur.

**Hibs:** R. Vella 16, P. Attard 5, L. Farrugia 10, K. Sultana , M. Formosa, I. Bonett, A. Axiaq 6, A. Lizaur 19, C. Cuschieri Patus 28

**Luxol:** CJ Cordina 10, V. Jandric 29, L. Caruana Montaldo, J. Maistre , JP Schembri , W. Ahlberg 13, E. Bonello , S. Cappello 16

**Referees:** B. Vassallo, I. Simic, Z. Dobrosavljevic



**Finali Super Cup Nisa**
**Hibernians 60**
**Luxol 43**
**(12-6, 13-12, 19-11, 16-4)**

Hibernians rebħu wkoll is-Super Cup tan-Nisa biex issa l-Pawlisti rebħu din is-Super Cup aktar minn timijiet oħra, u waslu figuri doppji.

Kellhom jistennew 12-il sena qabel ma setgħu jerġgħu jirbħu l-unur, u b'hekk huma żewġ rebħiet quddiem l-istess Luxol, li għandhom tmien suċċessi. It-team Pawlist kien differenti minn dak li lagħab fit-Tazza Indipendenza, meta issa niżlu bit-team sħiħ, u rritornaw, mill-vaganzi barra minn Malta, erba' players.

It-Taljana, Silvia Gambino, u Sam Brincat, kienu mpenjati sew fil-logħba, waqt li Emma Micallef u Iona Agius, baqgħu fuq il-bank. Luxol iridu jistennew sa Novembru, biex terġa' tilgħab l-Amerikana, Alexis Dilard, meta terġa' tiftaħ it-tieqa tat-trasferimenti.

Hibs fetħu vantaġġ sod, fil-bidu tal-logħba, hekk kif l-Amerikana, Amelia Simmons, bdiet qawwi, bi break ta' 12-2. Sa tmiem it-taqsima Luxol setgħu kisbu żewġ baskets, biex naqqsu d-distakk. Fis-sessjoni ta' wara, il-Vjola resqu aktar viċin, meta Kay Portelli u Sarah Pace kellhom trippli.

Iċ-champions reġgħu qabdu r-ritmu, u għaqqdu break ieħor tajjeb, ta' 11-2, bi trippla minn Gambino, u aktar baskets ta' Simmons. Qabel l-intervall Noelene Vella u Martina Darmanin naqqsu d-distakk ta' Luxol, imma kienu għadhom 18-25 minn taħt.

Wara l-mistrieħ, Luxol reġgħu ħassew is-saħħa taċ-champions, meta trippla oħra, ta' Gambino, bdiet break sod, ta' 15-2, u Hibs inqatgħu sew fuq quddiem. Luxol kellhom ftit logħob tajjeb, u kisbu break ta' 9-0, meta Monique Caruana u l-Ispanjola, Ina Baena, kellhom trippli.

Punti mil-linja żiedu l-vantaġġ tal-Pawlisti, għal skor ta' 44-29. Fl-aħħar taqsima trippli ta' Antoinette Borg u Pace għenu lill-Vjola, imma Hibs kienu għadhom itellgħu l-punti, meta Simmons baqgħet tiddomina fiż-żona.

Il-vantaġġ ta' Hibs kien wieħed rebbieħ, ukoll jekk kien hemm aktar trippli ta' Luxol, minn Caruana u Baena. Il-punti mil-linja, ta' Gambino, għalqu l-logħba u r-rebħa ta' Hibs.

Wara l-partita saret il-preżentazzjoni, mill-president tal-MBA, Paul Sultana, lill-captain taċ-champions, Elena Cassar.

**Hibs:** E. Micallef , E. Cassar 4, S. Gambino 12, S. Brincat 5, I. Agius , J. Abela , S. Abela , N. Farrugia , A. Simmons 36, H. al Tumi 2, M. Said, L. Duncan 1

**Luxol:** S. Pace 8, B. Zammit , M. Pollacco , I. Baena 8, No. Vella 2, M. Caruana 6, K. Portelli 5, A. Borg 6, L. Caruana Montaldo . S. Vella 2, M. Darmanin 6, C. Mifsud

**Referees:** N. Azzopardi, K. Dworniczak, V. Nikolic

# "KUNTENT LI RNEXXILI JKOLLI SUĊĊESS FIR-RUSSJA WKOLL"

**CHARLES CAMILLERI**
**SEWWIEQ**




*Charles Camilleri fil-korsa ta' Moska biż-żiemel Rep (Ritratt Anna Rakhmanina)*




Charles Camilleri kuntent wara l-preżentazzjoni (Ritratt Anna Rakhmanina

Il-Ħadd 5 ta' Awwissu, is-sewwieq Malti Charles Camilleri kkompeta fil-korsa ta' Moska r-Russja meta saret it-tieni tappa tal-Kampjonat tal-Mediterran u l-Baħar l-Iswed. Apparti Camilleri, is-sewwieqa parteċipanti l-oħra kienu mir-Russja, Serbja, Franza, l-Italja u l-Alġerija. B'Rap, żiemel tajjeb li iżda skont it-trainer tiegħu tiegħu stess kellu numru ħażin wara l-karozza tat-tluq, Camilleri rnexxielu jieħu tluq mill-aqwa fejn mar fuq quddiem u kkontrolla mill-bidu sa l-aħħar tul id-distanza ta' 1600m sabiex ħareġ rebbieħ bla tbatlja.

Sagħtejn wara s-sitt sewwieqa reġgħu saqu f'heat oħra. Iż-żwiemel kienu l-istess iżda kull sewwieq bidel iż-żiemel fejn min kellu n-numru 1 ħa n-numru 6 biex fisser li Charles Camilleri kellu jitlaq bin-numru 1 biż-żiemel Caspian Sin. Sfortunatament Camilleri seta' biss jispiċċa fil-ħames post bħal ma kien għamel fl-ewwel heat it-Taljan Francesco La Rosa li inċidentalment ħareġ rebbieħ ukoll biż-żiemel li saq Charles aktar kmieni. Dan fisser li bħal ma ġara fl-ewwel tappa, Malta u l-Italja akkwistaw l-istess ammont ta' punti sabiex flimkien rebħu t-tieni tappa. Charles Camilleri ġie ddikjarat u premjat bħala l-aqwa ġerrej tat-tieni tappa peress li fir-rebħa rreġistra ħin aħjar mit-Taljan Francesco La Rosa. Mitlub jikkummenta dwar dan is-suċċess, is-sewwieq Malti tenna li kien unur għalih li jerġa jirrapreżenta lil pajjiżna f'dan il-kampjonat internazzjonali. "F'Moska, ingħatajna merħba sabiħa u l-kampjonat kien organizzat verament b'mod professjonali. Iż-żiemel li rbaħt bih wera li għaddej minn forma mill-aqwa għax rebaħ iż-żewġ heats," qal Camilleri.

Dwar il-korsa fil-belt kapitali Russa, Charles Camilleri wkoll kellu kliem ta' tifħir. "Hu kumpless mill-isbaħ, maetruż, b'koros diversi kemm għal żwiemel tat-trott, tal-galopp u anki tal-qbiż. Jidher ċar li bħalna r-Russi għandhom imħabba kbira lejn dan l-isport," qal Camilleri. Fil-belt kapitali Russa, Charles Camilleri kien akkumpanjat minn Tommy Cunningham, segretarju ġenerali tal-Malta Racing Club. Din mhix l-ewwel darba li Charles Camilleri temm rebbieħ f'tiġrijiet internazzjonali barra minn pajjiżna. Fil-passat kellu wkoll rebħiet f'Berlin fil-Ġermanja waqt il-kampjonat għal sewwieqa professjonali u anki wkoll f'tiġrijiet fi Franza. B'hekk Charles Camilleri rnexxilu jsir ir-raba' sewwieq Malti li kellu suċċess f'dan il-pajjiż. Dan wara r-rebħiet li kellhom fis-snin li għaddew is-sewwieq Għawdxi Tony Cauchi li fis-sena 2000 rebaħ il-kampjonat Ewropew għal sewwieqa apprendisti, Noel Baldacchino li sena wara rebaħ tiġrija internazzjonali u Tony Demanuele li f'aktar minn okkażjoni waħda temm rebbieħ f'heats ukoll tal-Mediterran.

*Kenneth Vella*




## NOEL BALDACCHINO IT-TIENI FIS-SERBJA

F' Settembru is-sewwieq taż-żwiemel Noel Baldacchino ħa sehem fit-tielet tappa tal-Kampjonat tal-Mediterran li saret fil-Korsa ta' Pozirevac is-Serbja. Huwa rnexxielu jispiċċa fit-tieni post bid-debba Belle Marguerite wara t-Taljan Francesco La Rosa.

Dan ifisser li wara tliet tappi issa jkunu l-Italja li jitilgħu fl-ewwel post nofs punt biss aktar minn Malta u għalhekk jidher li kollox ser jiddependi mill-aħħar tappa li ser issir fil-korsa ta' Siracusa nhar id-9 ta' Diċembru.

# GRAHAM BORG, HANNAH PACE JŻOMMU T-TITOLI TAL-KAMPJONAT TAT-TRIATHLON SPRINT

## MICHAEL BONGAILAS, ANJELIKA RUĠĠIER JIEĦDU IT-TITLU TAS-SERJE BIRKIRKARA ST. JOSEPH SPRINT TRIATHLON




Graham Borg u Hannah Pace żammew it-titli ta' Champion ta' Sprint Triathlon meta ġewwa is-Salina, it-tnejn taw prestazzjonijiet notevoli. Il-Kampjonati Nazzjonali tas-Sprint Triathlon, li kienet ukoll l-aħħar tellieqa tas-Serje organizzata mill-Birkirkara St. Joseph Sports Club, saru f'kundizzjonijiet kważi perfetti. Kemm għal Borg u anki għal Pace, li kienu qegħdin jirritornaw għal tlielaq ta' distanzi qosra wara li kkompetew fi tlielaq ta' distanzi itwal, din kienet se tkun kompetizzjoni interessanti, biss biss biex wieħed jara jekk it-transizzjoni tagħhom minn distanza twila għal distanza qasira kinitx ser tkun mingħajr xkiel.

L-għawma ta' 750 metru f'baħar kalm rat lil Bernard Sant joħroġ l-ewwel mill-ilma segwit minn Shaun Galea u Graham Borg. Minkejja bidu promettenti, problemi tekniċi rriżultaw blirtirar ta' Sant mit-tellieqa u kamp miftuħ għal battalja bejn Galea u Borg. Galea, li rebaħ it-tellieqa preċedenti, kien ser jagħmel minn kollox biex jipprova jiżgura t-titlu. Madankollu Borg, minkejja li rritorna lura biss mit-tellieqa Ironman 70.3 ftit ġimgħat ilu, kien determinat li ma jċedix faċilment. Borg kabbar id-distakk bejnu u bejn Galea fit-taqsima tar-rota, biex hekk Borg kellu bidu komdu fit-taqsima tal-ġiri. B'wirja ta' determinazzjoni Galea beda joqrob lejn Borg iżda Borg kompla jagħfas il-quddiem sabiex iżomm it-titlu ta' champion għal sena oħra, b'vantaġġ ta' tnejn u tletin sekonda fuq Galea. Fit-tielet post spiċċa Kevin Muscat, li wera titjib konsiderevoli fit-tlielaq ta' din is-sena. L-atleta Jesrit Camilleri rreġistra l-aħjar ħin fit-taqsima tal-ġiri tal-ġurnata.

It-taqsima tan-nisa rat lil Hannah Pace l-ewwel mara u r-raba' atleta li ħarġet barra mill-ilma u tmexxi l-pass fit-taqsima tar-rota. Margaret Seguna, rebbieħa taż-żewġ tlielaq ta'qabel ħarġet mill-ilma 27 sekonda wara Pace biex issegwiha fuq ir-rota. Minkejja t-tentattivi ta' Seguna biex iżżomm id-distakk qasir bejnha u bejn Pace fl-aħħar dawra

## KAMPJONATI NAZZJONALI SPRINT TRIATHLON

| | | |
|---|---|---|
| L-Ewwel | Graham Borg | Hannah Pace |
| It-Tieni | Shaun Galea | Margaret Seguna |
| It-Tielet | Kevin Muscat | Lara Buttiġieġ |

## B'KARA ST. JOSEPH SPRINT TRIATHLON SERIES

| | | |
|---|---|---|
| L-Ewwel | Michael Bongailas | Anjelika Ruġġier |
| It-Tieni | Kevin Muscat | Juliya Azzopardi Mazur |
| It-Tielet | Jesrit Camilleri | |

tal-korsa Pace żiedet il-veloċità biex takkwista vantaġġ ta' 3 minuti ta' 21 sekonda. Pace żammet it-titlu tagħha għal sena oħra meta spiċċat kważi tliet minuti qabel Seguna. Seguna, madankollu rreġistrat l-aħjar ħin fit-taqsima tal-ġiri fit-taqsima tan-nisa. Fit-tielet post, kważi sitt minuti wara Seguna kien hemm Lara Buttigieg. Ta' min jinnota, li bħal Borg, Pace għamlet ritorn fuq din id-distanza wara li ħadet sehem fl-ewwel tellieqa Ironman f'Copenhagen ftit ġimgħat ilu. Pace waqfet ir-rekord nazzjonali lokali ġdid u rebħet it-tielet post fil-Grupp ta' età tagħha.

It-tellieqa kienet ukoll ir-raba' u l-aħħar tellieqa tas-Serje ta' Birkirkara St. Joseph Sprint Triathlon u kienu Michael Bongailas u Anjelika Ruġġier li ħarġu bħala r-rebbieħa ġenerali, meta kienu huma li kisbu l-aktar punti bbażati fuq il-parteċipazzjoni tagħhom fit-tlielaq kollha tas-Serje.

"Din it-tellieqa tikkonkludi s-Sajf impenjattiv għall-Birkirkara St. Joseph Sports Club li għal darb'oħra, kien Sajf ta' suċċess Dan huwa grazzi għall-parteċipazzjoni tal-atleti iżda wkoll l-appoġġ tal-awtoritajiet li jassistu fl-organizzazzjoni ta' avvenimenti bħal dawn," ikkummenta Euchar Camilleri, Segretarju Ġenerali, Birkirkara St. Joseph Sports Club. "Madankollu, issa nħarsu 'l quddiem għall-istaġun tax-Xitwa li jiffoka fuq avveniment ta' atletika, jiġifieri l-Eurosport Malta International Challenge Marathon f'Novembru u l-Eurosport 5k and 10k Road Races f'Diċembru."

Il-Premijiet għar-rebbieħa Birkirkara St. Joseph Triathlon Series kienu ppreżentati minn bħala uffiċjal tal-club Maria Vella-Galea u Barry Whitmore, filwaqt li r-rebbieħa tal-Kampjonat Nazzjonali Sprint Triathon ġew ippreżentati trofej mill-President tal-Federazzjoni Triathlon ta' Malta Cyprian Dalli.

*Maria Vella Galea*






# KAMPJONAT NAZZJONALI TAR-ROAD RACE

## CHRISTIAN FORMOSA JIBQA CHAMPION, MARIE CLAIRE AQUILINA CHAMPION TAN-NISA

Il-Kampjonat Nazzjonali tar-Road Race organizzat mill-Federazzjoni Maltija taċ-Ċikliżmu ra lil Christian Formosa ta' The Cyclist jiddefendi b'suċċess it-titlu ta' Champion Nazzjonali li huwa kien akkwista għall-ewwel darba s-sena l-oħra. Huwa tella' total ta' 510 punt, miksuba minn rebħa f'San Pawl u t-tielet post f'San Martin u Tal-Maqluba. Fit-tieni post b'total ta' 495 punt, ikklassifika għal darb'oħra ħuh, Maurice Formosa, membru tal-istess klabb ta' The Cyclist CC b'495 punt. Fit-tielet post spiċċa Alexander Pettett ta' Pro Action - Volata CT b'total ta' 470 punt.

Bħala champion femminili ttrijonfat Marie Claire Aquilina tat-Team Greens fejn ikkonfermat l-istaġun ferm tajjeb tagħha. Hija spiċċat l-ewwel b'total massimu ta' 600 punt. Dawn il-punti kienu akkwistati minn rebħiet f'San Pawl, San Martin u f'tal-Maqluba. Fit-tieni post b'485 punt spiċċat seħbietha Michelle Vella Wood. Marion Pullicino ta' Mosta AF Sign Studio CC spiċċat it-tielet b'total ta' 315 punt.

Is-suċċessi għal The Cyclist komplew meta huma rebħu anke il-Kampjonat tal-Juniors fejn hawn ħareġ rebbieħ Isaac Spiteri li kiseb punti massimi ta' 600 punt bi tliet rebħiet. Fit-tieni post spiċċa Gianluca Camilleri ta' B'Kara St.Joseph SC b'490 punt, filwaqt li t-tielet spiċċa Nicholas Vella ta' Agones SFC b'155 punt. Fil-Kategorija tal-Master 40+ ħareġ rebbieħ Malcolm Cachia ta' The Cyclist b'555 punt miksuba minn żewġ rebħiet f'San Pawl u San Martin u t-tielet post f'Tal-Maqluba. Ħames punti warajh spiċċa l-ex-champion Ivan Zammit ta' Birkirkara St Joseph SC, filwaqt li fit-tielet pożizjoni spiċċa Mario Attard tat-Team Greens b'450 punt.

Il-Kampjonat tal-Masters 50+ ra suċċess għal Mark Schembri, ċiklista ta' Mosta AF Sign Studio CC li spiċċa f'ras il-klassifika b'massimu ta' 600 punt. Warajh spiċċaw Steve Mifsud ukoll ta' Mosta AF Sign Studio CC b'505 punt u Joseph Micallef ta' The Cyclist bi 330 punt. Il-Kampjonat tat-tfal ta' taħt il-16 il-sena, intrebaħ minn Sean Enriquez ta' Mosta AF Sign Studio CC b'550 punt miksuba minn rebħa f'Tal Maqluba u t-tieni post f'San Pawl u f'San Martin. Mika Zammit ta' Agones SFDC spiċċa t-tieni bi 330 punt, filwaqt li fit-tielet pożizzjoni spiċċaw flimkien żewġ ċiklisti ta' Mosta AF Sign Studio CC b'200 punt kull wieħed.

Christina Spiteri ta' The Cyclist kisbet tliet rebħiet biex spiċċat champion taż-żgħar tal-bniet ta' taħt l-14 -il sena b'total massimu ta' 600 punt. Fiż-żewg pożizzjonijiet ta' wara spiċċaw Justine De Giorgio u Bettina Falzon it-tnejn ta' Mosta AF Sign Studio CC b'525 u 310 punt rispettivament. Matthew Galea Pirotta ta' Mosta AF Sign Studio CC spiċċa l-ewwel fil-kategorija tas-subien ta' taħt l-14-il sena b'total massimu ta' 600 punt, segwit minn żewġ ċiklisti oħra tal-istess club Mosti, Luke Joseph Camilleri u Nathan Zammit rispettivament b'470 u b'435 punt.



# KAMPJONAT TAT-TIME TRIAL 2018

## WILLIAM HILI CHAMPION, IT-TIENI TITLU GĦAL MARIE CLAIRE AQUILINA

Fil-kampjonat Nazzjonali tat-Time Trial William Hili ta' Mosta AF Sign Studio CC kien inkurunat champion b'total ta' 575 punt miksuba minn rebħiet fl-Mtarfa u fil-Miżieb, filwaqt li spiċċa t-tieni fl-Mrieħel. Alexander Pettett ta' Pro Action - CT Volata spiċċa t-tieni b'510 punt, mentri l-ex-champion Etienne Bonello tat-Team Greens spiċċa t-tielet b'455 punt.

Marie Claire Aquilina tat-Team Greens, ikkonfermat il-forma tajba tagħha meta spiċċat bħala champion tan-nisa b'massimu ta' 600 punt. Aquilina rebħet it-tliet tiġrijiet kollha li saru dan l-istaġun fejn ikkonfermat id-dominanza tagħha wara li iktar qabel kienet spiċċat ukoll champion tar-Road. Michelle Vella Wood (Team Greens) spiċċat fit-tieni post b'505 punt, filwaqt li Marion Pullicino, ta' Mosta AF Sign Studio, ħadet t-tielet post b'455 punt. Isaac Spiteri ta' The Cyclist rebaħ il-Kampjonat tal-Juniors meta rebaħ it-tliet tiġrijiet tiegħu. Spiteri kiseb ukoll double wara li ġimgħat ilu kien spiċċa wkoll champion tar Road. It-tieni spiċċa Gianluca Camilleri ta' Birkirkara St. Joseph SC b'525 punt filwaqt li t-tielet spiċċa Nicholas Vella ta' Agones SFC b'157 punt. Ivan Zammit ta' Birkirkara St Joseph rebaħ il-kategorija Master 40+ meta spiċċa fuq quddiem b'575 punt. Zammit rebaħ it-tiġrijiet li saru fl-Mtarfa u l-Mizieb filwaqt li ħa t-tieni post fl-Imrieħel. B'hekk Zammit baqa' champion ta' din il-Kategorija għat-tieni sena konsekuttiva. Malcolm Cachia ta' The Cyclist ikklassifika fit-tieni post b'480 punt filwaqt li Nicholas Schembri ta' Mosta AF Sign Studio CC kien it-tielet b'385 punt. Il-kampjonat tal-Masters 50 + intrebaħ minn Steve Mifsud ta' Mosta AF Sign Studio CC b'total massimu ta' 600 punt quddiem Mark Schembri u Joseph Micallef ta' Mosta u ta' The Cyclist rispettivament li t-tnejn kisbu l-istess punteġġ ta' 175 punt.

Il-kampjonat U-16 intrebaħ minn Sean Enriquez ta' Mosta AF Sign Studio CC b'555 punt, miksuba minn rebħiet fl-Imtarfa u l-Miżieb, waqt li kien daħal it-tielet fl-Imrieħel. Għal Enriquez dan kien kampjonat doppju wara li iktar qabel kien rebaħ ukoll it-titlu tar-Road. Michael Sean Darmanin ta' Mosta AF Sign Studio CC kien runner up b'425 punt, waqt li ċiklist ieħor Mosti, Malcolm Vassallo, kien it-tielet b'355 punt. Christina Spiteri ta' The Cyclist spiċċat champion tal-under 14 tal-bniet meta ħadet massimu ta' 600 punt. B'hekk hija kisbet ukoll żewġ titli din is-sena. Justine De Giorgio u Bettina Falzon, it-tnejn tal-Mosta AF Sign Studio CC ikkompletaw il-podju b'350 u 315 punt rispettivament. Matthew Galea Pirotta Mosta ta' AF Sign Studio CC spiċċa l-ewwel fil-kategorija ta' taħt l-14-il sena tas-subien b'massimu ta' 600 punt. Għal Galea Pirotta dan kien double wkoll ta' titli. Huwa kien segwit minn żewġ ċiklisti oħra tal-istess klabb tal-Mosta, Tristan Aquilina u Leon Aquilina b'525 u 410 punt rispettivament.

Il-Federazzjoni Maltija taċ-Ċikliżmu turi l-apprezzament tagħha għaċ-ċiklisti u l-uffiċjali tal-klabbs kollha għas-sehem tagħhom, kif ukoll għal ARRTS Timing System għax-xogħol kbir tagħhom. Grazzi wkoll tmur għas-servizzi rispettivi tal-Kunsilli Lokali, Trasport Malta, il-Pulizija u l-Emergency First Response.

# PROĠETT LI JIXPRUNA KLABB F'LIVELLI GĦOLJIN

Fl-2016 Għajnsielem Redcoats bdew jaħdmu fuq proġett ambizzjuż msejjaħ Inclusion and Gender Equality Through Softball (IGETS). Għal dan il-proġett, li rċieva 'l fuq minn €58,000 mingħand il-programm Erasmus+ Sports: Small Collaborative Partnerships, ir-Redcoats issieħbu ma' Olympia Haarlem mill-Olanda u SK Princ Zagreb mill-Kroazia, żewġ klabbs prominenti fis-softball fl-Ewropa, u champions renjanti tal-pajjizi rispettivi tagħhom. Il-proġett huwa magħmul minn erba' laqgħat transnazzjonali flimkien ma' attivitajiet implimentati minn kull imsieħeb fil-pajjiż rispettiv tiegħu maħsuba biex iqajmu kuxjenza dwar l-iżbilanċ bejn is-sessi fl-isport, biex jinħolqu iżjed opportunitajiet għall-bniet u n-nisa biex jipprattikaw sport, flimkien mal-iskambju tal-aħjar prattiċi, u biex jitjiebu l-abilitajiet rilevanti għall-amministrazzjoni tal-klabb u t-taħriġ tas-softball. Ir-Redcoats gawdew ħafna minn dan il-proġett. Kien hemm diversi benefiċċji diretti li huma parti mill-proġett, bħalma huma x-xiri ta' tagħmir, taħriġ aħjar, titjib fil-livell tal-logħob tal-plejers, żieda fir-rappurtar mill-midja għal atleti nisa, empowerment għall-plejers tas-softball tar-Redcoats, żieda fin-numru ta' bniet irreġistrati mal-klabb, kif ukoll l-esperjenza ta' kamp ta' taħriġ triangolari f'Żagreb u l-benefiċċji kollha assoċjati miegħu. Madankollu, hemm kisbiet oħra, daqstant sinifikanti, li ġew indirettament mill-proġett li ma kinux parti mid-disinn.

### TITJIEB IR-REPUTAZZJONI TAL-KLABB

L-attivitajiet relatati ma' dan il-proġett qed jidhru regolarment fuq programmi tat-televiżjoni. IGETS irċieva wkoll rappurtar tajjeb mill-midja internazzjonali, inklużi l-websajts tal-Federazzjoni Ewropea tas-Softball u l-Konfederazzjoni Dinjija tal-Baseball u s-Softball. Dan qed jgħin biex titjieb ir-reputazzjoni tal-klabb lokalment kif ukoll fost il-komunità internazzjonali tas-softball. Id-dehriet fuq programmi bħal SportGħawdex qed jgħinu mhux biss biex jagħtu pubbliċità lill-proġett iżda wkoll biex iżidu l-għarfien dwar in-nuqqas tal-ugwaljanza bejn is-sessi fl-isports, u biex tiżdied il-popolarità tas-softball f'Għawdex. Għajnsielem Redcoats ilhom jaħdmu għall-ugwaljanza bejn is-sessi fl-isports minn meta ġew iffurmati bħala klabb. Bis-saħħa tal-proġett IGETS, l-isforzi tal-Klabb fuq dan ir-rigward kellhom iżjed suċċess. Grazzi għall-proġett Erasmus+ Sports, il-politiċi kienu iktar riċettivi, u l-isforz tal-uffiċjali tal-klabb biex is-softball jingħata iżjed importanza sabu appoġġ. It-talba tal-klabb biex jingħata post fejn ikun jista' jopera qegħda wkoll gradwalment issib is-sapport.

### HEALTHY CLUB QUALITY MARK AWARD

Ir-Redcoats irċevew ir-rikonoxximent Healthy Club Quality Mark Award mingħand The Move Transfer Project, proġett tal-Assoċjazzjoni Internazzjonali tal-Isport u l-Kultura (ISCA), l-iSport Union tas-Slovenia, u SportMalta, iffinanzjat mill-UE. Għajnsielem Redcoats ġie kategorizzat bħala klabb li hu orjentat lejn l-iżvilupp tal-atleti, li jippromwovi t-tagħlim tul il-ħajja, jiffaċilita l-iskambju tal-għarfien, filwaqt li jikkontribwixxi għall-iżvilupp u l-professjonalizzazzjoni tas-settur tal-isport kollu. Dan huwa pjuttost sinnifikanti peress li jipprovdi konferma uffiċjali tal-ħidma kbira li r-Redcoats qed jagħmlu fil-komunità, u biex jippromwovu l-isport. Wieħed mill-għanijiet tal-IGETS kien li tiżdied ir-rata ta' parteċipazzjoni tan-nisa fl-isports. Dan l-għan intlaħaq hekk kif matul l-aħħar żewġ staġuni n-numru ta' bniet irreġistrati mal-klabb qabeż b'mod sinnifikanti li jimbotta l-proporzjon bejn in nisa u l-irġiel minn 40/60 għal madwar 50/50. Ir-Redcoats qatt ma stennew li l-proġett ser jgħin ukoll biex jiżdied in-numru ta' subien li jipparteċipaw fil-programmi sportivi tal-klabb. Kien hemm ukoll żieda fin-numru ta' kowċis, u membri tal-kumitat eżekuttiv, li huma nisa.

### KOWĊIS, PLEJERS BARRANIN U KAMPJONAT

Il-rappurtar tal-proġett minn websajts internazzjonali ħoloq



interess minn kowċis u plejers barranin biex jissieħbu mar-Redcoats. F'Settembru 2017, Tahli Moore ingħaqdet mal-klabb bħala player-coach u iktar tard Tara Henry inħatret Head Coach tat-tim tas-softball. It-tnejn li huma taw kontribut kbir biex itejbu l-livell tal-logħob tal-plejers. L-interess mill-kowċis u l-plejers barranin kompla u għall-istaġun li ġej ir-Redcoats se jkollhom lil Nicole Thomas bħala Pitching u Assistant Coach. Kien dejjem mistenni li bis-saħħa tal-IGETS il-plejers jitjiebu gradwalment, imma l-qabża fil-kwalità li l-plejers wrew matul is-sena li għaddiet kienet xejn anqas minn sorprendenti. Il-klabb ipparteċipa b'żewġ timijiet għat-tournament tal-Fastpitch Softball tan-nisa tal-Malta Baseball & Softball Association sabiex b'mod inklussiv jagħti l-opportunità lil aktar plejers li jilgħabu l-logħba fl-ogħla livell f'Malta. Wieħed mit-timijiet rebaħ it-tournament, filwaqt li t-tim l-ieħor mar tajjeb ukoll. It-tim magħqud imbagħad ipparteċipa fil-Kampjonat Nazzjonali u rebħu b'mod konvinċenti. Dan kien l-ewwel titlu nazzjonali tal-kbar fl-istorja tal-club u ntrebaħ bi plejers li kellhom età medja ta' ftit iktar minn 18-il sena.

### TOURNAMENT F'ŻAGREB U EMPOWERMENT

Il-kamp ta' taħriġ trijangulari li sar din is-sena fil-Kroazja, dejjem kien meqjus bħala l-attività l-iżjed importanti tal-proġett. Kien maħsub biex jipprovdi opportunità għat-timijiet taż-żgħażagħ tat-tliet klabbs biex jipprattikaw flimkien u jilagħbu tournament bejniethom sabiex il-progress tagħhom ikun jista' jiġi evalwat. Għar-Redcoats dan it-tournament kien mezz biex isiru jafu jekk it-tim taż-żgħażagħ tagħhom kienx kompetittiv meta mqabbel ma' dawk Ewropej. Ir-Redcoats qatt ma stennew li huma kienu ser imorru Zagreb u jirbħu logħba, iżjed u iżjed, li jirbħu t-tournament. Madankollu, dak kien eżattament x'ġara. F'Żagreb, ir-Redcoats impressjonaw kemm individwalment kif ukoll bħala tim u ssorprendew lill-avversarji tagħhom bir-rebħ tat-tournament. Permezz ta' diversi attivitajiet fl-iskejjel u fil-komunità, bħal Girls & Women Gozo Sports Fest, flimkien ma' seminars, taħditiet, kummenti fuq midja soċjali, kif ukoll b'intervisti fuq it-TV u artikli fuq rivisti, żdied l-għarfien dwar l-iżbilanċ bejn is-sessi fl-isports. Minħabba dan ir-rata ta' parteċipazzjoni tan-nisa fl-isport f'Għawdex qegħda gradwalment tiżdied.

Minħabba l-attivitajiet assoċjati mal-proġett, kien hemm rappurtar aħjar mis-soltu tat-tim tas-softball tar-Redcoats. B'konsegwenza ta' din l-importanza li ngħatat lit-tim tan-nisa, il-plejers ħassewhom aktar apprezzati u rrispettati bħala atleti. Dan imbagħad żied il-ġibda tal-plejers lejn l-isport u lejn il-club. Għajnsielem Redcoats ibbenefikaw ħafna mill-proġett IGETS, u bbenefikaw b'mod li ma kienx mistenni oriġinarjament. Dan il-ġid se jkompli jitgawda ħafna wara li jiġi fi tmiemu dal-proġett u l-opportunitajiet għall-bniet biex jipprattikaw l-isport se jiżdiedu speċjalment ladarba r-Redcoats ikollhom il-faċilitajiet tagħhom. Għall-ewwel darba f'Malta, faċilita' sportiva se tkun inbniet primarjament għall-użu minn atleti nisa. Dan mistenni jagħmel impatt konsiderevoli biex l-iżbilanċ bejn is-sessi fl-isport jonqos.

IGETS stabbilixxa għanijiet ambizzjużi u jinvolvi sfidi amministrattivi enormi. Madankollu l-proġett irnexxielu jilħaq l-għanijiet tiegħu u aktar. IGETS għen il-club, Għajnsielem Redcoats, jilħaq livelli għoljin u dan ma kienx ikun possibbli kieku ma kienx għall-kofinanzjament mill-Unjoni Ewropea. Għajnsielem Redcoats irċevew assistenza mill-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol permezz tas-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ, Sport u Għaqdiet tal-Volontarjat biex jilħaq l-obbligi tiegħu ta' kofinanzjament.

(Dan il-proġett ġie ffinanzjat b'appoġġ mill-Kummissjoni Ewropea. Din il-pubblikazzjoni tirrifletti biss il-fehmiet tal-awtur, u l-Kummissjoni ma tistax tinżamm responsabbli għall-kontenut jew kwalunkwe użu tal-informazzjoni li hemm fiha).

*Joseph Scicluna*

# IL- KURA TAS-SIDER

Matul ix-xahar ta' Ottubru huwa importanti infakkru l-qarrejja fuq l-importanza tal-kura tas-sider. Iktar kemm jghaddi z-zmien ix-xjenza qeda tohrog studji konvincenti li juru li nisa u rgiel li jipprattikaw sport jew ezercizzju regolari ghandhom cans inqas li jaqbadhom kancer minn nies li ma jaghmlu l ebda forma ta' ezercizzju. Imma dan mhux bizzejed. Sfortunatament l-ezercizzju xorta ma jeliminax il-probabiltajiet kollha li xi darba jizviluppa kancer, inkulz il-kancer tas-sider.

Imma galadarba ghandna gharfien u teknologija avvanzata li taghtina s-seta' li naqbdu l-kancer kmieni, tkun hassra kbira li ma naghtux kas jew nitraskuraw. Ghalhekk huwa importanti li nkunu infurmati tajjeb fuq x'toffri l-medicina moderna bhala ghodda sabiex inkunu nistghu nilqghu ghal- kancer tas-sider fi hdan Pink October.

Nisimghu hafna fuq testijiet li nistghu naghmlu matul Pink October biex naqbdu tibdil hazin fis-sider kmieni imma hafna nies xorta ikunu bezghana biex jaghmlu pass ghat-triq it-tajba biex jaghmluhom. Ghal dawn n-nies ghandna messagg; Fil-maggor parti kbira tan-nisa ma jinsabx kancer u jekk isiru testijiet bhal-mammogram u ultrasound regolari, ic-cansis huma li jekk jinstab xi haga tkun inqabdet fil-hin. Allura l-biza hija kieku dawn it-testijiet ma jittiehdux, mhux li jittiehdu !

Il-Famus mammogram huwa l-aqwa ghodda li ghandna biex insibu il-kancer tas sider. Dawn il-magni juzaw 'X-rays' biex jiehdu ritratti tas-sider li jistghu juru lit-tobba anki tumuri zghar hafna, sikwit hafna qabel ma jistghu jigu jinhassu jew juru xi forma ta sintomu. B'permezz tal-magni l-godda tad-digital mammography, issa nisghu naraw dettall hafna izghar u hafna ahjar.

Imma kif isir il-mammogram? Waqt dan it test is-sider jitpogga fuq il magna u jigi gentilment mizmum fil-post b'permezz ta' forma tal plastic li tnizzel il magna stess. Dan jghin biex ir ritratti jigu ahjar. Jittiehdu zewg ritratti ta' kull sider, wiehed minn fuq u wiehed mill-genb. It-test idum ftit minuti biss u l-firxa kbira tan-nisa ma jhossux ugiegh, ghalkemm xi ftit skumidita hija komuni. Ir-ritratt li jittiehdu jigu ezaminati minn tabib specjalizzat fuq il-mammograms sabiex johrog rizultat.

Imma meta ghandna nibdew nahsbu biex niehdu l-ewwel mammogram u ghala m'ghandniex niehdu mammograms meta nkunu zghar hafna? Dawn iz-zewg mistoqsijiet huma marbutin mar-riskju li jkollha kull mara individwali biex tizviluppa kancer tas-sider.

Nisa li jkunu ta eta ta' aktar minn erbghin sena jgorru riskju akbar li jizviluppaw kancer tas sider, ghalhekk huwa rakomandat li l-ewwel mammogram ghandu jsir wara din l-eta. Dan ma jfissirx li nisa taht din l-eta jkun ezentati minn kull riskju. Fil- fatt nisa ta' taht l-erbghin sena li jkollhom xi hadd jigi minnhom li kellu kancer jkollhom riskju akbar li johrog il-kancer tas-sider. Dawn in-nisa jkunu jistghu jiehdu mammogram qabel l-eta ta' erbghin. Nisa li ma jkollhomx dawn ir-relazzjonijiet jinghadu li jipprezentaw risku mal-medja tal-popolazzjoni, allura l-mammogram jittiehed wara l-erbghin sena.

Ir-raguni ghalxiex mammograms ma jittiehdux ghallarieda u t-tobba jevitaw jghidu lil nisa ta' taht l-erbghin sena biex jiehdu mammograms hija semplici. X-rays, ir-raggi li jintuzaw sabiex jittiehdu r-ritratti, jaghmlu hsara lic-celloli tal-gisem u sakemm ma jkunx hemm raguni valida biex jintuzaw, dawn ghandhom jigu evitati, ghallavolja l-hsara li jahgmlu l'X-rays hija zghira. Imma peress li nisa ta' bejn 40-70 sena ikollhom riskju ghola, ir-riskju li ma jittiehidx mammogram u jizviluppa kancer, huwa ferm aktar mir-riskju li jittiehed mammogram u ssir xi hsara bl'X-rays !

Barra minn hekk, il-magni tal-mammograms il-godda tant juzaw dosa zghira ta' X-rays biex jaghmlu ritratt li l-magni moderni jitqiesu hafna iktar safe minn ta' qabel. Huwa xieraq li meta tkunu qedin tiddeciedu fejn tmorru biex tiehdu l-ewwel mammogram, tkunu tafu li magni direct digital mammogram jaghtu dosa minima ta' X-rays. Dawn l-ahhar ghaxar snin inhargu magni state-of-the-art mghammra b'teknologija msemmija Tomosynthesis, mgharufa ahjar bhala 3D mammography. Dawn il-magni jiehdu xi sebghin ritratt wiehed wara liehor biex jibnu mappa 3D tas-sider sabiex kancer zghir jew kancer li difficli li jidher jinqabad iktar facilment. B'din it-teknologija saret rivoluzjoni fil-mammografija ghaliex tnaqqsu r-riskji li ma jinqabdux tumuri f'nisa li jkollhom sidirhom mghaqud hafna, u li jkunu difficli biex mammogram normali juri xi kancer fuq ir-ritratt.

Ghal aktar informazjoni rigward servizzi fuq il-kura tas-sider, cempel St Thomas Hospital issa fuq 21 482 482 u gawdi mill-prezzijiet specjali ta' pink october.




Malta's newest Hospital.
Right at your doorstep.

StTH
Saint Thomas Hospital

**St Thomas Hospital**
Valletta Road Qormi

Now Open.
Call us on **21 482 482**



# "BIL-QARI U L-KITBA NISKORJA" NILTAQGĦU MAT-TIM (I)

Tul is-sena li għaddiet ktibna dwar il-programm tagħna u l-attivitajiet u l-impenji li jkollna matul is-sena. Issa bix-xieraq li nlaqqagħkom, għeżież qarrejja, mal-membri tat-tim ta' "Bil-Qari u l-Kitba Niskorja". F'din il-ħarġa se nlaqqagħkom mal-isports leaders, Gilbert Agius, Carmel Busuttil u Saviour Darmanin, kif ukoll mal-kap tal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu, David Muscat.

### Għalfejn għażilt dan ix - xogħol ?

**Carmel Busuttil:** Madwar sentejn ilu ġejt ikkuntattjat mill-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu biex inkun wieħed mill-Ambaxxaturi tal-Qari, programm fejn personalitajiet Maltin jiltaqgħu ma' tfal b'mod volontarju madwar l-iskejjel ta' Malta u jħajruhom jaqraw.

Qabel aċċettajt, staqsejt fiex jikkonsisti dan il-programm u xi rrid nagħmel eżatt. Għall-ewwel kont xi ftit xettiku għax qatt ma għamilt xi ħaġa bħal din jiġifieri li noqgħod naqra quddiem ħafna tfal. Iżda wara ftit ikkuntattjajthom lura u avżajthom li lest nagħmilha. Wara kollox meta kelli t-tfal iżgħar kont nagħmel ħafna ħin naqralhom speċjalment qabel jorqdu u ma kinitx l-ewwel darba li rqadt qabilhom. Kienu jqajmuni biex inkompli l-istorja!

Meta mort l-ewwel darba naqra, ngħid il-verità ħadt gost. Kienet esperjenza ġdida u ħassejtni vera sodisfatt. Waqt li tkun hemm tibda tiltaqa' ma' nies li jaħdmu mal-Aġenzija u tara nies dedikati u dak li qed jagħmlu jagħmluh bil-qalb. Kont nistaqsihom ix-xogħol eżatt li jagħmlu. Kont smajt wkoll li diġà kellhom xi proġetti għall-futur fejn jidħol il-futbol. Wara sentejn kienu reġgħu kkuntattjawni fejn qaluli li diġà bdew jagħmlu programm 'Bil-Qari u l-Kitba Niskorja', u jekk kontx interessat li napplika peress li kellhom bżonn iktar nies jaħdmu magħhom.

Ħsibtha ftit mhux ħażin qabel iddeċidejt għax ma kontx konvint għalkemm rajt l-opportunità li nitgħallem minnha jien, li nagħti u ngħaddi esperjenza tiegħi lil dawn it-tfal.

Meta kont żgħir kont iffissat fil-futbol u għalkemm kont tajjeb fl-iskola ma kontx inħobbha, ġietni wkoll nostalġija, min jaf kieku kelli din l-opportunità x'kien jiġri minni. Qabli kienu diġà daħlu jaħdmu ex-footballers, Saviour Darmanin u Gilbert Agius, żewġ kollegi li lgħabt għal snin twal magħhom mat-team nazzjonali Malti.

Kienu qaluli eżatt x'jagħmlu, kif iqattgħu l-ġurnata u kemm kienu qed jieħdu gost. Ħeġġewni biex napplika. Illum nista' ngħid li għamilt għażla tajba li aċċettajt li napplika għal dan ix-xogħol. Huwa programm interessanti ħafna fejn it-tfal jistgħu jiggwadanjaw ħafna minnu kemm issa u kemm għall-futur tagħhom. Tgħallimt diġà ħafna affarijiet interessanti bħal kif jiġu assessjati tfal fil-qari, kif għalliema jaslu għal dan ir-riżultat. Esperjenza oħra sabiħa kienet meta konna mmorru naqraw audio books għat-tfal li huma neqsin mid-dawl. Qegħdin wkoll team tal-ġenn fejn ngħaddu sigħat twal flimkien, niddiskutu u nfasslu taħriġ li ser nagħmlu għall-programm. Inħoss wkoll li s-suċċess ta' dan il-grupp kollu huwa sostenn u għajnuna li għadna min-nies ta' fuqna. S' issa ili xi xahar u nofs li bdejt naħdem mal-Aġenzija u nixtieq nirringrazzja lil sħabi li laqgħuni fi ħdan il-grupp li llum inqishom bħala ħbieb u mhux kollegi biss.

**Saviour Darmanin:** Meta ġejt avviċinat li kien se jsir programm dwar il-futbol, logħba li nħoss li twelidt u għext fiha, mal-ewwel interessajt ruħi, speċjalment xħin smajt li se naħdmu fl-iskejjel. Kif sirt naf dwar l-għan ta' dan il-programm, li jamalgama l-qari mal-futbol, mal-ewwel ridt nidħol għalih, speċjalment għax kien proġett pilota u kont se nkun wieħed mill-pijunieri.

Dan il-programm laqatni għaliex jien kont wieħed minn dawn it-tfal li huma ossessjonati dwar il-logħba tal-futbol. Il-qari kont



narah importanti imma ma kontx inħobb naqra ħafna. Dakinhar ma tantx kont issib riżorsi li għandhom x'jaqsmu mal-futbol iżda meta kienu jagħtuni magazine tal-futbol (li dakinhar kien jiġi biss darba f'xahar), kont naqrah f'leħħa ta' berqa.

Mal-ewwel dħalt fl-ispirtu ta' dan il-programm. Niftakarni dieħel ġod-dressing room tal-iskola primarja ta' Bormla, fejn sar il-proġett pilota. Bdejt narmaha bi stampi u posters ta' plejers lokali u internazzjonali u nipprepara l-librerija bil-kotba. Tgħidx kemm ħadt pjaċir inqalleb f'dawn il-kotba u naqra dwar plejers li nammira u nsegwi fuq it-televiżjoni. Kien propju dak il-ħin li daħlu l-parteċipanti fid-dressing room. Wiċċhom xegħel hekk kif raw il-kamra mżewqa b'tant stampi u riżorsi. Fil-pront libsu l-gear li nipprovdulhom. Din qawwitli aktar qalbi u kont determinat li l-proġett ikompli jikber, kif fil-fatt ġara. Illum il-ġurnata t-tim ta' "Bil-Qari u l-Kitba Niskorja" kiber u n-numru ta' ċentri żdiedu ferm. Dan qed jikkonferma s-success ta' dan il-programm.

Inħossni tassew iffortunat li jien parti minn dan it-tim li flimkien qegħdin inkabbru dan il-programm. Dan huwa eżempju wieħed tax-xogħol siewi li toffri l-Aġenzija Nazzjonali tal-Litterżmu u ninsab ċert li se jkompli jagħmel ħafna ġid fost it-tfal u l-adolexxenti fil-gżejjer tagħna.

## X'jogħġbok f'dan ix-xogħol?

**David Muscat:** Jogħġobni l-aktar l-ispirtu li bih jaħdmu l-membri tat-tim tal-FRWP il-leaders, il-manager u l-iskrivana. Kuljum jiġu għax-xogħol mimlija ħeġġa, enerġija u ideat. Jidher li dan ix-xogħol qiegħed jagħtihom sodisfazzjon kbir. Daqstant ieħor kuntent bit-tfal li jipparteċipaw fil-programm. Il-parti l-kbira minnhom isiru jħobbu l-kotba u jtejbu l-ħiliet tagħhom tal-qari u l-fehim. Minn qalbi nirringrazzja lil kull min qiegħed jgħinna nwettqu dan il-programm.

**Gilbert Agius**: Il-fatt li nara lit-tfal kuntenti wara kull sessjoni huwa ta' sodisfazzjon kbir għalija. Għalkemm jiena nieħu aktar ħsieb il-parti li għandha x'taqsam mal-futbol, meta nara xi studenti jagħmlu progress fil-parti tal-litteriżmu nħoss li l-isforzi li qed isiru bħala aġenzija qegħdin jagħtu l-frott u b'hekk jimlewni b'aktar kuraġġ u entużjażmu. Ninsab kuntent ħafna nagħti s-sehem tiegħi f'dan il-proġett ambizzjuż li hemm sens kbir ta' għaqda u altruwiżmu minn kull membru ta' dan il-grupp.

*Maria Cremona*





# IL-MOVIMENT ĦIELES TAL-ATLETI FL-UE

Spiss nitkellmu dwar il-mod ta' kif l-Unjoni Ewropea (UE), b'mod dirett jew indirett, taffettwa l-ħajja taċ-ċittadini tagħha. Wieħed mill-aktar modi effettivi li l-UE tagħmel dan hu permezz ta' deċiżjonijiet li jittieħdu fil-Qrati tagħha.

Ix-xahar ta' Ottubru hu xahar sinifikanti għall-futbol Ewropew u għall-mod ta' kif isiru t-trasferimenti. Propju fis-6 ta' Ottubru 1993, il-plejer Jean-Marc Bosman ressaq każ quddiem Qorti tal-Ġustizzja tal-UE li biddel il-futbol drastikament.

Bosman, li kien plejer mal-RFC Liège, skadielu l-kuntratt fl-1990. Minħabba f'hekk, hu ried jingħaqad ma' tim ieħor, USL Dunkerque. Minkejja li l-kuntratt ta' Bosman mal-RFC Liège kien skada, it-tim xorta waħda talab somma flus lil USL Dunkerque għat-trasferiment, somma li Dunkerque ma riedux iħallsu. Minħabba f'hekk, RFC Liège irrifjutaw li jirrilaxxawh. Għaldaqstant, Bosman ressaq dan il-każ quddiem il- Qorti tal-Ġustizzja tal-UE.

Id-deċiżjoni tal-Qorti ttieħdet fil-15 ta' Diċembru 1995, ftit iktar minn sentejn minn meta tressaq il-każ. Wara li studjat il-każ u l-fatti, il-Qorti stqarret li s-sistema tat-trasferimenti kienet qed toħloq ostaklu konsiderevoli għas-suq tal-UE, partikolarment il-libertà ta' moviment tal-ħaddiema fl-Istati Membri. B'din id-deċiżjoni, il-plejers ingħataw id-dritt tat-trasferiment ħieles (free transfer), dritt li għadu sal-lum il-ġurnata jifforma parti importanti minn kif klabbs u plejers imexxu l-interessi tagħhom. Fis-settur sportiv insibu diversi każijiet simili fejn id-deċiżjonijiet



li ttieħdu mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE saru punt ta' referenza għal każijiet segwenti. Il-każ Bosman saħansitra kien estiż permezz ta' żewġ każijiet oħra, wieħed li jerġa jitratta l-futbol u ieħor li kien jitratta l-handball.

L-ewwel każ kien imressaq fis-sena 2000 minn plejer tal-handball, Maroš Kolpak. Kolpak, gowlkiper Slovakk, kien resident il-Ġermanja u kien qed jilgħab mat-tim TSV Ostringen. Dak iż-żmien, l-assoċjazzjoni tal-handball fil-Ġermanja kellha regola li stipulat li klabb ma jistax ikollu aktar minn żewġ plejers li m'humiex ġejjin minn Stati Membri tal-UE. Tajjeb niftakru li dak iż-żmien, is-Slovakkja kienet għadha mhux membru tal-UE, però, xorta kien hemm Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejnha u bejn l-UE. Kolpak kien rilaxxat mill-klabb tiegħu minħabba r-regola tal-Assoċjazzjoni Ġermaniża, u meta ressaq il-każ quddiem il-Qorti Ewropea, propju minħabba l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn is-Slovakkja u l-UE, il-Qorti stqarret li plejers minn pajjiżi li għandhom ftehim ta' assoċjazzjoni mal-UE u li qed jaħdmu fi Stat Membru, għandhom l-istess drittijiet taċ-ċittadini tal-UE. Naturalment, din is-sentenza kienet punt ta' referenza importanti ħafna għas-settur sportiv, wieħed li bħall-każ Bosman, għadu jaffettwa diversi sports, l-aktar ir-rugby u l-cricket fl-Ingilterra.

Fl-2003 il-plejer Russu, Igor Simutenkov ressaq każ simili quddiem il-Qorti Ewropea. Fiż-żmien imsemmi, Simutenkov kien plejer ta' C.D. Tenerife, klabb Spanjol. Il-każ propjament beda fl-2001, meta Simutenkov applika mal-federazzjoni tal-futbol Spanjola biex jibdel il-liċenzja li kellu (li kienet tapplika għall-plejers minn barra l-UE) ma' waħda li tapplika għall-plejers tal-Komunità Ewropea (UE).

Simutenkov ibbaża l-argument tiegħu fuq ftehim li kien sar bejn l-Istati Membri u pajjiżu, ir-Russja (Communities-Russia Partnership Agreement). Il-federazzjoni Spanjola rrifjutat l-applikazzjoni ta' Simutenkov abbażi tar-rekwiżiti stabbiliti mill-federazzjoni dwar in-nazzjonalità tal-plejers li japplikaw għal liċenzja professjonali ta' dak it-tip. Fi ftit kliem, ir-regoli kienu jgħidu li biex wieħed japplika għal din il-liċenzja, ried ikun plejer ta' nazzjonalità Spanjola jew ta' waħda mill-Istati Membri tal-UE.

Madanakollu, meta Simutenkov ressaq il-każ lejn il-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE, din tal-aħħar iddikjarat li, minħabba l-ftehim li l-Istati Membri tal-UE kellhom mar-Russja, effettivament, il-federazzjoni Spanjola kienet qed tmur kontra l-istess ftehim. Deċiżjonijiet bħal dawn saħħew is-suq intern tal-UE, iżda, forsi ta' iktar importanza hu l-fatt li saħħew il-moviment ħieles tal-persuni fl-UE fl-isport ukoll. Huma case-laws (każistika) bħal dawn li jipprovdu sors importanti għas-sistema legali tal-UE u li għandhom rwol kruċjali fl-iżvilupp u l-funzjoni tas-sistema legali tal-Unjoni, biex tassew taqdi ċ-ċittadini u tiddefendi d-drittijiet tagħhom.

Għal aktar informazzjoni dwar il-każijiet jew dokumenti li jissemmew f'dan l-artiklu, wieħed jista' jikkuntattja lil MEUSAC billi jibgħat email fuq info.meusac@gov.mt, jew inkella jċempel fuq 2200 3300.

*James Azzopardi*




# SUĊĊESS GĦAL ATLETI GĦAWDXIN FI SPOLETO

Grupp ta' atleti Għawdxin membri tal-Athletix Ac Gozo ħadu sehem b'suċċess kbir fi Spoleto Urban Crossing 20km. Din il-parteċipazzjoni kienet possibli wara stedina li saret lil club Għawdxi minn stess li kont il-leader tal-grupp kollu li mar fir-reġjun tal-Umbria bħala parti mill-Programm Erasmus + 'SportGiveChance' li applikaw għalih mal-Unjoni Europea l-Municipalità ta' Spoleto. F'dan il-programm saru attivitajiet tal-atletika, kif ukoll ċikliżmu fejn hawn mal-grupp issieħbu wkoll ħdax-il ċiklista Malti li ħadu sehem f'diversi tiġrijiet kemm tar-Road, kif ukoll tal-Mountian Bike.

L-atleti Għawdxin ħadu sehem fit-tiġrijiet li saru fiċ-ċentru storiku ta' Spoleto fuq disa' dawriet ta' 2.2Km li għaddew minn toroq li kienu jinkludu anke 75 tarġa kull darba. Dan għamel ir-rotta mill-iktar diffiċli. Madankollu l-Għawdxin dehru ferm determinati li jiksbu riżultati tajba fejn hawn spiċċaw iddominaw il-kategorija feminili fejn Felicienne Mercieca spiċċat ir-rebbieħa b'ħin ta' 1:34:14. Warajha spiċċat Laura Caproricci ta' Assisi Runners ASD (1:35:10) u t-tielet post inkiseb mill-Għawdxija Jolene Debattista (1:38:29). L Għawdxija l oħra Charla Pla Vella spiċċat fir-raba' pożizzjoni f'ħin ta' 1:41:22. Minn naħa l-oħra, Miriam Camilleri spiċċat bħala l-ewwel mara fil-kategorija tal-40 + f'ħin ta' 1:48:52.

Fil-kategorija maskili, Leigh James Marshall tal-istess Athletix Ac Gozo spiċċa fit-tielet post f'ħin ta' 1:23:34. Din il-kategorija ntrebħet minn Elwis Pieller ta' Polosportiva Santorso Aosta (1:15:54), filwaqt li t-tieni daħal Fabio D'Atanasio ta' Valore Salute, Forti e Veloci (1:19:31). Diversi clubs u għaqdiet internazzjonali ħadu sehem. Dawn kienu jirrappreżentaw lill-Italja, Bulgarija, Repubblika Ċeka, Ċipru, Krozja, Franza, Ġermanja, Greċja, Malta, Olanda, Polonja, Portugall, Rumanija, Slovenia, Spanja, Turkija u l-Ungerija.

Wara dan is-suċċess mhux daqstant mistenni tagħha, Felicienne Mercieca qaltilna, "Din bla dubju kienet esperjenza sabiħa, bħala tiġrija ma kinitx waħda faċli għax kien fiha ħafna elevazzjoni iżda l-ambjent tal-madwar kien vera sabiħ. Fuq il-maratrona ta' New York naf li se tkun waħda ta' impenn għax fiha t-tul iżda vera qed inħares 'l quddiem għaliha għax hija waħda mill-isbaħ maratoni tad-dinja".

Jolene Debattista stqarret magħna fejn għaliha wkoll din kienet esperjenza sabiħa ħafna li ħa tibqa tiftakar. "Bħala rotta ma kenitx waħda faċli. Minkejja dan nistqarr li ħadt ġost niġri b'xenarju mil-isbaħ li joffri Spoleto. Ninsab eċċitata ħafna li fi żmien ftit ġimgħat oħra se nkun niġri il-maratona prestiġjuża ta' New York. Din se tkun it-tieni maratona tiegħi, peress li f'Novembru li għadda ġrejt il-maratona ta' Ateni fil-Greċja. Ħerqana ħafna għax din se tkun opportunita' li ħa nkun niġri mhux biss għalija imma għal għaqda AKTIV Against Cancer".

Charla Pia Vella meta tlabniha l kummenti tagħha wara din l-esperjenza ta' Spoleto qaltilna 'Din kienet esperjenza sabiħa ħafna, u fl-istess waqt kienet ta' tħejjija għal maratona ta' New York. F'din il-mawra tagħna fl-Italja, aħna sibna ħafna għajnuna u nixtiequ li jkun hemm iżjed opportunitajiet bħal dawn għax neqsin minnhom. Dwar il-parteċipazzjoni tagħha fi New York, hija qalet, 'bla dubju din ser tkun esperjenza unika u gdida li nispera li tkun ta' suċċess personali bħal ma kienet din ta' Spoleto'.




Miriam Camilleri wara din l-esperjenza internazzjonali qaltilna, "Din kienet parteċipazzjoni ta' suċċess u dan kollu seħħ grazzi għall-invit li għamiltilna inti li kont il-kap u l-moħħ tal-grupp li tlajna Spoleto, kemm atleti, kif ukoll ċiklisti Maltin. Bir-riżultati miksuba, aħna żammejna ferm għoli isem Għawdex Sportiv u dan minkejja l-korsa ma kienetx waħda faċli. Bla dubju din l-esperjenza ser tgħinna ferm fl-impenn diffiċli li issa għandna fil-Maratona ta' New York".

Minn naħa tiegħu Leigh James Marshall qalilna, "Kont ferm iffortunat li kelli din l-opportunita' li nieħu sehem fl-20Km ta' Spoleto bħala parti mit-tim ta' Għawdxin u Maltin li telgħu għal dan il-programm. Kelli x-xorti wkoll li ngħaddi ftit ġranet flimkien ma' sħabi f'dan ir-Reġjun sabiħ tal-Umbria. Apparti t-tiġrija ta' Spoleto, jien ħadt sehem ukoll ġurnata qabel fil-Pineto Park Run fil-Belt ta' Ruma fejn hawn spiċċajt fl-ewwel post fuq distanza ta' 5km. Dwar it-tiġrija ta' Spoleto, nista ngħid li din saret fil-parti l-antika ta' Spoleto fejn kien hemm ħafna toroq dojoq u anke turġien. Madankollu din il-korsa kienet interessanti biex kompliet għamlet din it-tiġrija internazzjonali iktar pjaċevoli". Leigh James kompla jgħidilna li kellu jitħabat u jistinka ħafna biex irnexxielu jidħol fit-tielet pozizjoni. Għalih, kollox ma' kollox din kienet esperjenza tal-ġenn u li ħalliet bosta memorji sbieħ.

Bla dubju din kienet esperjenza mill-isbaħ għal dawn l-atleti Għawdxin li erbgħa minhom flimkien ma' Agnes Mizzi ser jieħdu sehem fil-Maratona ta' New York f'Novembru li ġej. Dan il-proġett Erasmus + "SPORT: GIVE-A-CHANCE" f'Spoleto kien suċċess kbir fl-aspetti kollha. Mingħajr dubju, intlaħaq l-għan ewlieni li jippromwovi l-involviment spontanju f'attivitajiet sportivi, kif ukoll, inklużjoni soċjali, opportunitajiet indaqs u l-għarfien dejjem jikber li l-attività fiżika ttejjeb is-saħħa permezz ta' parteċipazzjoni ġeneralizzata u aċċess ugwali għal komunità soċjali sħiħa.

Il-Muniċipalità ta' Spoleto li applikat għal dan il-proġett, bil-kollaborazzjoni ta' muniċipalitajiet oħra mill-Umbria flimkien mat-timijiet barranin kollha li ġew minn 16-il Pajjiż differenti Ewropew. L-organizzazzjoni tal-avvenimenti sportivi laħqu l-għarfien tagħhom dwar l-isport u l-attività fiżika fil-promozzjoni tas-saħħa, il-benessri u l-inklużjoni soċjali. Żgur li l-preżenza taċ-ċiklista Pro Taljan Umberto Poli ta' Novo Nordisk Team kienet verament punt ta' mportanza kbira għal dan kollu.

Matul il-ġranet kollha wieħed seta' jinnota l-ħidma volontarja u kollettiva sabiex kollox isir kif kien ippjanat. Dan il-programm ukoll ħeġġeġ il-parteċipazzjoni f'attivitajiet sportivi għal kulħadd, bħall-ġiri u ċ-ċikliżmu. Dan sar b'mod aħjar ta' integrazzjoni u żvilupp personali ta' żewġ miri speċjali, l-atleti tad-dijabetiċi u/jew persuni b'diżabilitajiet fiżiċi. Dawn l-avvenimenti sportivi kollha kienu organizzati tajjeb fl-ibliet l-aktar sbieħ ta' Spoleto u Norcia. Matul dan il-proġett kien hemm kontribut kbir biex tiżdied il-kapaċità ta' inizjattivi u djalogu għall-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet ta' persuni b'diżabilità. Minkejja n-nies li ħadu sehem minn tant pajjiżi Ewropej b'ħafna kulturi differenti, dawn ħassewhom magħqudin għal għan komuni fejn ħafna nies ħolqu ħbiberija u stabbilixxew relazzjonijiet umani li żgur se jkomplu jikkollaboraw ma' xulxin fil-futur.

*Joe Bajada*

# L-AKKADEMJA TAL-FEDERAZZJONI INTERNAZZJONALI TAL-JUDO RIKONOXXUTA BĦALA ISTITUT TAL-EDUKAZZJONI OGĦLA AWTONOMA

*Ritratti: DOI - Omar Camilleri*

Ġurnata storika għall-Federazzjoni Internazzjonali tal-Judo (IJF) u l-Akkademja tagħha, hekk kif ġiet rikonoxxuta uffiċjalment bħala Istitut Awtonomu tal-Edukazzjoni Ogħla minn Kummissjoni Nazzjonali għall-Edukazzjoni Ogħla ta' Malta (NCFHE)). L-akkademja, li ilha topera mill-2013, għandha madwar 2,000 student minn aktar minn 100 pajjiż jieħdu sehem fil-kors ta' taħriġ ta' Livelli 1 u 2.

B'dan ir-rikonoxximent l-IJF hija l-ewwel Federazzjoni Internazzjonali li għandha l-Akkademja tagħha ċċertifikata internazzjonalment. Is-Sur Envic Galea, Direttur tal-Akkademja tal-IJF ikkonkluda billi spjega li permezz ta' dan ir-rikonoxximent l-Akkademja se tkompli tiżviluppa u tikber b'pass tajjeb. L-Akkademja fetħet il-bibien għal kowċis ta' kull livell.

Matul iċ-ċerimonja uffiċjali, id-diploma ta' rikonoxximent ingħatat mis-Sur Godfrey Vella mill-NCFHE lis-Sur Envic Galea, id-Direttur tal-Akkademja,.

Preżenti kien hemm is-Segretarju Parlamentari Clifton Grima kif ukoll diversi champions tal-Judo fosthom id-Direttur sportiv tal-IJF u l-Akkademja Daniel Lascau, Mark Huizinga, Guiseppe Maddaloni, Giulia Quintavalle, Rosalba Forciniti, Lucia Morico kif ukoll Ruben Houkes il-president tal-Kummissjoni tal-Judo tal-IJF għat-Tfal.






# DB RANKING TOURNAMENTS GĦALL-GĦAŻLA TAL-PLAYERS NAZZJONALI

Kif kien imħabbar fil-bidu ta' l-istaġun l-Malta Pool Association ser torganizza sensiela ta' 'Ranking Tournaments' li minnhom ser jintgħażlu l-players nazzjonali li ser jirrappreżentaw lil Malta fil-kampjonati Ewropej li ser isiru ġewwa l-Irlanda fi Frar kif ukoll fil-kampjonati mondjali li ser isiru ġewwa l-Ingilterra f' Ġunju.

L-ewwel serje ta' tournaments rat il-bidu tagħha fl-aħħar ġimgħa ta' Settembru u ġiet fi tmiem tagħha bil-finali jintlagħbu fil- 5 ta' Ottubru. Mhux anqas minn 122 player ħadu sehem f' erba' kategoriji dik ta' l-irġiel, Under 18's, Under 23's u l-kategorija ta' Over 50's. Il-kategorija ta' l-irġiel laqqgħet fil-finali lil Kevin Mercieca u Duncan Pisani. F' finali mill-aktar eċċitanti Mercieca, li jilgħab ma' Senglea Boċċi Club, kellu jistenna sa' l-aħħar frame deċisiv biex jikseb rebħa ta' 8-7 u jikseb ir-rebħ ta' dan it-tournament. Grazzi ghal din ir-rebħa Mercieca rriserva post fit-tim nazzjonali Malti A ta' l-irġiel li ser jieħu sehem fil-kampjonati Ewropej.

Christ Mills, rebbieħ tal-kampjonati mondjali u detentur tat-titlu mondjali tal-kategorija Over 50's, kompla jikseb aktar rebħ meta fil-finali tal-kategorija Over 50's għeleb lil Marcel Micallef ta' Cox Sports Bar B' Bugia bl-iskor ta' 8-5. Mills, li jilgħab ma' Senglea Boċċi Club, kien f' forma tajba u b' din ir-rebħa kiseb post fit-tim nazzjonali ta' l-istess kategorija li ser jirrappreżenta lil pajjiżna fil-kampjonati Ewropej fi Frar li ġej ġewwa l-Irlanda.

Fil-kategorija taż-żgħażagħ ta' taħt it-tlieta u għoxrin sena kellna r-rebħa sorprendenti ta' Ryan Falzon li fil-finali għeleb lil Dejan Grech bl-iskor ta' 8-6. Falzon, li jilgħab ma' Splendid Bar Qormi, kien konsistenti matul it-tournament kollu fejn saħansitra għeleb fis-semi finali lin-numru wieħed tal-kategorija Ryan Pisani. B' din ir-rebħa Falzon jinsab fl-ewwel post tal-klassifika tal-punti ta' l-istess kategorija.

Christian Spiteri kien dominanti fil-kategorija taż-żgħażagħ ta' taħt it-tmintax –il sena. Wara li rebaħ il-logħob kollu tal-gruppi Spiteri, li jilgħab ma' Top Gun Bar Marsa, ltaqa' fil-finali ma' Liam Mifsud u ħareġ rebbieħ bl-iskor konvinċenti ta' 6-2 biex b' hekk tela' jokkupa l-ewwel post tal-klassifika tal-kategorija.

It-tieni serje ta' 'Ranking Tournaments' kellha l-bidu tagħha fl-10 ta' Ottubru. It-tielet serje ta' tournaments ser tintlagħab bejn id-29 ta' Ottubru u l-15 ta' Novembru filwaqt li r-raba' u l-aħħar serje valida għal kampjonati Ewropej ser tinżamm bejn il-21 ta' Novembru u l-5 ta' Diċembru. Il-logħob kollu ta' dawn it-tournaments qiegħed isir ġewwa l-Każin tal-Banda San Ġorġ Martri Qormi u qed jiġu ġentilment sponsorjati minn db Hotels & Resorts.

# STAĠUN 1964/65:
# REBĦA KBIRA PAWLISTA FUQ RABAT FC

## Is-Seba' Ġurnata

**Valletta FC Bye.**
**20-12-1964: Sliema Wdrs. FC – Ħamrun Sp. FC 4-1 H.T 3-0 Ref: Pawlu Bonett**
**Skurjaw: J. Cini (S) 9', o.g L. Micallef (S) 15', R. Buttigieg (S) 33' u pen. 75' u J. Zarb (Ħ) 83'.**

**Sliema Wdrs. FC:** Alfred Debono, Lino 'Il-Fus' Falzon, Joe Aquilina, Peter Fitzgerald, Salvu Bonnici (George Cuschieri 72'), Alfred 'Il-Paper' Debono, Vince 'Tal-Manager' Vassallo, Ronnie Cocks (Charlie 'Il-Kiskisell' Spiteri 72'), Joe Cini, Robbie Buttigieg, Sammy Nicholl.

**Ħamrun Sp. FC:** Charles Buttigieg, Lolly Muscat, Patistu Attard, Leli Micallef, Martin Attard, John 'Il-Lolu' Zarb, Albert Calleja, Gejtu Briffa, Jimmy Mizzi, Charlie 'Il-Gidi' Zammit, Charles 'It-Topsy' Aquilina.

1. Ronnie Cocks kien dubjuż jekk jilgħabx f'din il-partita wara li fl-aħħar ħarġa kontra Floriana sofra minn xi tackles ta' Pullu Bartolo u kien qed izappap matul il-ġimgħa. Fil-fatt Cocks ma lagħbx il-partita kollha għax reġa' ħass l-uġiegħ.
2. L-autogoal ta' Leli Micallef wasal wara li xutt ta' Joe Cini ħabat mal-lasta bil-player Ħamruniż fit-tentattiv biex jikklerja, laqat il-ballun ħażin u tefgħu fix-xibka tiegħu stess.
3. Fi friendly bejn iż-żewġ clubs qabel beda l-kampjonat l-Ispartans kienu għelbu lil Sliema 1-0 b'goal ta' Charles Zammit bil-player coach Janos Bedl ifalli penalty għal Sliema.

**26-12-1964: Floriana FC – Gżira Utd. FC 4-2 H.T 0-2 Ref: Ritchie Casha**
**Skurjaw: T. Camilleri (G) 25', J. Galea (G) 43', T. Cauchi (F) 58', Ż. Alamango (F) 62' u T. Cauchi (F) 68' u 72'.**

**Floriana FC:** Nenu Fabri, Tony 'Il-Majsi' Cauchi, Pullu Bartolo, Joe Grima, Edward Azzopardi, Freddie Vella James, Joe Fava, Żarenu Alamango, Louis Bugeja (Charles Vella), Lolly Borg, Hugh Caruana.

**Gżira Utd. FC:** Alfred Vella, Nenu Chetcuti, Vince Relton, George Faure', Charlie Parnis (Albert Cristiano 26'), Robbie Caruana, Victor Borg (Tony Chappelle 63'), Twanny 'Ix-Xixu' Sciberras, Toninu Camilleri, Joe Galea, Tony Ciantar.

1. Il-partita ntlagħbet fuq art tiżloq bit-tajn u xi minn daqqiet taħt xita qawwija.
2. Louis Bugeja rritorna fit-team Furjaniż għall-ewwel darba f'dan l-istaġun. Huwa kien qata' il-ligamenti fejn fl-istaġun ta' qabel kien lagħab biss tliet partiti. Minn naħa tagħhom Gżira kellhom lura lil Twanny Sciberras 'Ix-Xixu' wara iktar minn xahar nieqes minħabba li kien imsiefer man-Navy.
3. L-attakkant Tony Cauchi beda l-partita bin-numru tnejn fuq dahru fejn ħareġ jissostitwixxi lid-difensur Lolly Debattista li kien sospiż wara li tkeċċa kontra Sliema. Cauchi f'malajr bidel il-pożizzjoni tiegħu u reġa' mar fl-attakk hekk kif Floriana sabu ruħhom goal minn taħt fejn sat-tmiem huwa skorja tliet goals.
4. L-ewwel goal ta' Gżira skurjat minn Toninu Camilleri beda minn azzjoni li fiha tħassar goal ta' Lolly Borg għal Floriana. Minn naħa tiegħu Lolly Borg reġa' kellu wirja mill-aqwa għat-team Furjaniż fejn kellu sehem fi tlieta mill-goals.
5. Ħamest ijiem wara, fil-31 ta' Diċembru, eżatt mal-aħħar ġurnata tat-trasferimenti Floriana ttrasferew lill-player Leslie Agius lil Mosta. Agius kien lagħab żewġ partiti biss ma' Floriana. Fis-sajf Leslie Agius kien sieħeb lil Sliema mingħand Rabat, iżda wara ftit ġranet il-Wanderers kienu tawh ir-release għax kellhom biżżejjed attakkanti.
6. Kemm din il-partita kif ukoll Hibernians kontra Rabat ta' ġurnata wara kienu ser jitħassru minħabba li minflokhom l-MFA kienet ser torganiżża l-Christmas Cup, kompetizzjoni bejn il-clubs Maltin tal-Ewwel Diviżjoni li kienet ser tieħu post it-Tourney tal-Milied. Madankollu kollox tħalla kif oriġinarjament ippjanat minħabba li l-Christmas Cup tħassret b'deċiżjoni tal-Kunsill waqt il-Laqgħa tat-22 ta' Diċembru 1964 minħabba li Hibernians qalu li l-players tagħhom ma riedux jilgħabu proprju fil-ġurnata tal-Milied filwaqt li l-kunsilliera ta' Valletta u Sliema pprotestaw li l-qliegħ mill-gate money ta' din il-kompetizzjoni ma kienx ser jitqassam b'mod gust.

**27-12-1964: Hibernians FC – Rabat FC 5-0 H.T 1-0 Ref: John F. Galea**
**Skurjaw: E. Theobald (H) 15', J. Privitera (H) 54', L. Young (H) 66', o.g F. Wilson (H) 78' u V. Cassar (H) 81'.**

**Hibernians FC:** Freddie 'Il-Pampalun' Mizzi, Johnnie 'Il-Ġemel' Privitera, Michael Zammit, Freddie Delia (Tony 'Il-Koku' Attard), Louis Theobald, Salvu 'Tal-Karettuni' Gatt, Tony Griffiths, Victor 'Il-Palun' Cassar, Charlie Grech (Lorry Young 46'), Edward Darmanin, Eddie 'L-Għasfur' Theobald.

**Rabat FC:** Charles Azzopardi, Joe Buhagiar, Żarenu Vella, Joe Cassar, Nicholas Muscat, Johnnie 'Iz-Zikizokk' Azzopardi, Joe Vella (Frans Peplow 35'), Henry Muscat, Freddie Wilson, Frans Micallef, George 'Ix-Xeni' Cassar.

1. Victor Cassar kien fetaħ l-iskor għal Hibernians wara ħames minuti iżda l-goal ġie mħassar għal handsball tal-istess player.
2. Skond il-ġurnal 'Il-Berqa' il-goalkeeper ta' Hibernians Freddie Mizzi mess il-ballun darbtejn. L-ewwel darba fis-26 minuta meta mar jiġbor il-ballun minn wara l-lasti u t-tieni darba lejn it-tmiem meta rċieva l-ballun mingħand player ta' Hibernians stess dirett minn throw-in.
3. Victor Azzopardi ta' Rabat kien nieqes minħabba li kien imweġġa'.
4. Rabat komplew jitilfu iktar players meta Norman Scott ġie trasferit lil Floriana. Rabat kienu diġa tilfu lil Pawlu Said li emigra l-Awstralja, lill-goalkeeper Charles Zerafa u Nenu Chircop li ma niżlux aktar għat-training wara t-telfa ta' 13-0 ma' Valletta filwaqt li Leslie Agius, Charlie Zammit u George Tonna kienu diġa ġew trasferiti lill-clubs oħra.

Klassifika: Sliema Wdrs. FC u Hibernians FC 10 pti.; Floriana FC u Valletta FC 7 pti.; Ħamrun Sp. FC 4 pti.; Rabat FC u Gżira Utd. FC 2 pti.
L-Aqwa Skorers: V. Cassar (Hibernians FC) 7 goals; T. Cauchi (Floriana FC) u R. Buttigieg (Sliema Wdrs. FC) 6 goals; J. Cini (Sliema Wdrs. FC) u T. Calleja (Valletta FC) 5 goals; F. Zammit u T. Connor (Valletta FC) 4 goals.

## It-Tmien Ġurnata

**Gżira United u Rabat FC Bye**
**Valletta lagħbu darbtejn**
**17-01-1965: Valletta FC – Ħamrun Sp. FC 5-0 H.T 1-0 Ref: George Busuttil**
**Skurjaw: F. Zammit (V) 16', G. Micallef (V) 69', J. Cutajar (V) 81', G. Micallef (V) 83' u J. Cutajar (V) 88'.**

**Valletta FC:** Freddie Stivala, Joe Bugeja, Vince 'Iċ-Ċorma' Gauci, Charlie Williams, Leonard Mizzi, Johnnie Attard, Tony Connor, Joe Cutajar, Tony Calleja, Frankie Zammit, George Micallef.

**Ħamrun Sp. FC:** Donald Hawkins, Lolly Muscat, Patistu Attard, John 'Il-Lolu' Zarb, Leli Micallef, Joe Stanmore, Martin Attard, Edward Spiteri (John 'Bipu' Mifsud 70'), Tony 'Euchar' Grech (Gejtu Briffa 55'), Charlie 'Il-Gidi' Zammit, Frans 'In-Nagħġa' Xuereb.

1. Fit-30 ta' Dċembru 1964 Ħamrun Spartans ħatru lil Tony Formosa bħala coach ġdid tagħhom. Formosa kien diġa coach tal-Ispartans fl-istaġun ta' qabel. Formosa f'dak iż-żmien kien l-uniku coach Malti li kkwalifika minn kors tal-coaching mal-FA Ingliża.
2. Ħamrun kellhom lura fit-team lill-goalkeeper Donald Hawkins li kien ilu nieqes mit-telfa ta' 3-0 kontra Hibernians f'Novembru u lil Frans Xuereb li kien ilu nieqes mill-aħħar partita tal-istaġun ta' qabel. L-Ispartans kienu rranġaw id-differenzi ma' Xuereb minħabba li issa kienu neħħew lil Jimmy Mizzi. Xuereb kien ilu jittenja mal-Ispartans mill-ewwel tas-sena. Ħamrun taw ukoll id-debutt lil Tony 'Euchar' Grech li kienu għadhom kemm akkwistaw mingħand Birkirkara. Grech lagħab fil-pożizzjoni nsolita ta' centre forward.
3. Joe Cutajar lagħab l-ewwel partita sħiħa tiegħu ma' Valletta wara li daħal minflok Josie Urpani li kien għadu ma rranġax id-differnzi mall-club. Barra minn hekk fil-21 ta' Jannar Walter Bone sieħeb lil Senglea Athletic fit-Tieni Diviżjoni. Bone kien ilu 16-il xahar nieqes mill-ewwel team tal-Belt.
4. Valletta għamlu bidla waħda mit-team li kien tilef 1-0 kontra First Vienna fis-6 ta' Jannar meta Tony Calleja reġa ħa postu fit-team wara li kien ilu nieqes mill-ewwel ġimgħa ta' Diċembru għax kien imweġġa'.
5. Din kienet l-ewwel partita tal-Ewwel Diviżjoni li fiha l-MFA użat referees li kienu rtirati mil-logħba sabiex jagħmluha ta' match inspectors u jirrapurtaw fuq il-wirja tar-referee. Proprjament il-prattika kienet bdiet minn ġurnata qabel f'partiti minn diviżjonijiet inferjuri tal-MFA li ntlagħbu kemm fl-Istadium u anke fix-Schreiber.

**24-01-1965: Sliema Wdrs. FC – Valletta FC 0-0**
**Ref: Tommy Restall**

**Sliema Wdrs. FC:** Alfred Debono, Lino 'Il-Fus' Falzon, Joe Aquilina, Charlie 'Il-Kiskisell' Spiteri, Salvu Bonnici, George Cuschieri, Ronnie Cocks, Joe Cini, Leli 'Tal-Fjuri' Micallef, Robbie Buttigieg, Vince 'Tal-Manager' Vassallo.

**Valletta FC:** Freddie Stivala (Ċensu 'Tal-Morning Star' Borg Bonaci 70'), Joe Bugeja, Vince 'Iċ-Ċorma' Gauci, Charlie Williams, Leonard Mizzi, Johnnie Attard, Tony Connor, Joe Cutajar, Tony Calleja, Frankie Zammit, George Micallef.

1. Il-goalkeeper Stivala kien indeċiż fil-ħruġ tiegħu u ġie mibdul 20 minuta mit-tmiem. Ftit qabel kien għadu kemm waqagħlu l-ballun minn lob ta' Salvu Bonnici li għal ftit ma ssarrfx f' goal.
2. Sliema Wanderers kienu qed jilgħabu mingħajr Peter Fitzgerald li ma kienx niżel għat-training fil-ġimgħa ta' qabel, mingħajr Alfred Debono 'Il-Paper' li kellu l-inkwiet mall-kumitat u mingħajr Edward Aquilina minkejja li kienu rranġaw id-differenzi mall-player. Fil-fatt Aquilina kien anke lagħab fir-rebħa ta' 2-0 fuq Floriana fil-kampjonat tal-Under 21 fix-Schreiber ġimgħa qabel.
3. Fil-Laqgħa tal-Kunsill tal-MFA tal-Ħamis 28 ta' Jannar il-player ta' Sliema Wanderers Vince Vassallo weħel multa ta' £1 wara li nstab ħati li xejjer bis-sieq lill-player avversarju filwaqt li Tony Connor ta' Valletta ġie mmultat £1 minħabba logħob goff. Fl-istess Laqgħa tal-Kunsill inqrat ittra li bagħat il-player ta' Valletta Josie Urpani li kiteb li għandu jieħu £150 mingħand il-club Belti. Urpani kien ilu nieqes mit-team mir-rebħa ta' 3-0 fuq Gżira United tas-6 ta' Diċembru.

**27-01-1965: Hibernians FC – Floriana FC 0-0**
**Ref: Ritchie Casha**

**Hibernians FC:** Freddie 'Il-Pampalun' Mizzi, Johnnie 'Il-Ġemel' Privitera, Sunny Anastasi, Freddie Delia (Norman Buckle 80'), Louis Theobald, Salvu 'Tal-Karettuni' Gatt, Tony Griffiths (Edward Darmanin 46'), Jimmy Mizzi, Victor 'Il-Palun' Cassar, Lorry Young, Eddie 'L-Għasfur' Theobald.

**Floriana FC:** Charles Fabri, Lolly Debattista, Pullu Bartolo, Joe Borg Micallef, Edward Azzopardi, Freddie Vella James, Joe Fava, Żarenu Alamango, Tony 'Il-Majsi' Cauchi, Lolly Borg, Hugh Caruana.

1. Hibernians kienu għadhom sofrew ħames goals biss fil-kampjonat li erba' minnhom waslu fit-telfa ta' 4-3 kontra Sliema Wanderers, anke jekk f'din il-partita kontra Floriana Tony Cauchi mar qrib li jiskorjalhom b'daqqa ta' ras li ħabtet mal-mimduda wara 31 minuta.
2. Hibernians kellhom goal ta' Victor Cassar minuta mit-tmiem imħassar wara li r-referee Casha nnota foul fuq il-goalkeeper Furjaniż Nenu Fabri li kien laqa' ix-xutt ta' Cassar iżda fit-taħwida li nqalgħet deher jiġi mbuttat minn Jimmy Mizzi fix-xibka bil-ballun b'kollox.
3. Fil-protesti li nqalgħu eżatt fi tmiem il-partita Jimmy Mizzi inħareġ mill-ground mill-Pulizija wara li pprova jattakka lir-referee Ritchie Casha li kellu jiġi eskortat bil-pulizija sad-dressing room. Fis-16 ta' Frar 1965 Mizzi kien weħel 1 quddiem il-Qorti tal-Maġistrati filwaqt li fis-26 ta' Frar 1965 l-Bord tad-Dixxiplina tal-MFA kien issospendih għal sena - sal-aħħar ta' Jannar 1966. Minkejja s-sospensjoni Jimmy Mizzi rritorna għal-logħob tliet xhur wara meta bbenefika minn Amnestija Ġenerali li kienet tat l-MFA fit-8 t' April 1965 fl-okkażjoni taż-żjara f'Malta tal-President tal-FIFA Sir Stanley Rous.
4. Jimmy Mizzi kien qed jirritorna ma' Hibernians wara li fis-sentejn ta' qabel kien lagħab ma' Ħamrun Spartans. Hibernians kienu ħallsu lil Ħamrun 330 biex akkwistawh lura fil-31 ta' Diċembru, eżatt qabel għalqu t-trasferimenti. Il-prezz kien £30 iktar minn kemm kienu ħallsu l-Ispartans biex xtrawh mingħand l-istess Hibernians. Fil-bidu t-talba tal-Ispartans kienet ta' £500. Mizzi kien diġa' lagħab ma' Hibernians fit-Tourney tal-Milied kontra First Vienna fid-9 ta' Jannar u anke fi friendly kontra Lija Athletic. Qabel Jimmy Mizzi, Hibernians kienu ppruvaw jieħdu lil George Tonna li kien għadu ma lagħbx f'dan il-kampjonat.
5. Matul il-partita, fit-18 u l-55 minuta, Hibernians kienu diġa' ipprotestaw għal żewġ penalties meta fiż-żewġ okkażjonijiet Lolly Debattista mess il-ballun b'idu imma r-referee Casha ħalla l-logħob għaddej meta ġġudika li ma kienx hemm l-intenzjoni.
6. Fil-Laqgħa tal-Kunsill tal-MFA tal-Ġimgħa 5 ta' Frar 1965 il-player John Privitera ta' Hibernians kien ġie sospiż xahar wara li nstab ħati li pprova jagħti daqqa b'moħħu f'wiċċ ir-referee Casha.
7. Il-membru tal-kumitat ta' Hibernians Salvu Cassar 'Il-Pompa' tressaq quddiem il-Kunsill tal-MFA nhar il-Ħamis 18 ta' Frar fejn kien akkużat li hedded lir-referee Ritchie Casha. Cassar, li fil-passat kien lagħab goalkeeper mal-istess Hibernians u St. Patrick, kien talab apoloġija.
8. Dan il-konfront suppost li kellu jintlagħab erbat ijiem qabel, is-Sibt 23 ta' Jannar 1965, iżda l-partita kienet ġiet imħassra minħabba x-xita qawwija li kienet niżlet dak in-nhar u ntlagħbet l-Erbgħa fit-3.30 p.m. Iż-żewġ clubs ilmentaw minħabba li l-partita tħassret mingħajr ma r-referee ħareġ jara l-kundizzjoni tal-ground. Fil-fatt il-partita tħassret mill-Ground Fitness Committee skond ir-Regolamenti tal-MFA. Xi nies kienu diġa bdew jinġabru wara l-bieb tal-Istadium meta tħabbar li l-partita tħassret. Hibernians pero' ġiethom tajba minħabba li Eddie Theobald kien qala' darsa u ma kienx ser jilgħab fid-data oriġinali tal-fixture.
9. Freddie Delia kellu jħalli l-ground għaxar minuti mit-tmiem wara li kien vittma ta' daħla goffa minn Pullu Bartolo fil-61 minuta. Huwa kien ħareġ jiddewwa, irritorna fil-logħba ħames minuti wara, fejn ipprova jkompli l-partita iżda finalment kellu joħroġ. Skond il-Malta News Delia kien jirnexxielu jispiċċa l-partita li kieku fil-ground kien hemm in-nies tal-First Aid.
10. Norman Scott kien dieħel bħala sostitut minflok Joe Borg Micallef kwarta mit-tmiem iżda ġie msejjaħ lura mill-kumitat u ma daħalx.
11. Sunny Anastasi kien qed jirritorna fit-team ta' Hibernians wara li falla l-aħħar partita kontra Rabat. Huwa ħa post Michael Zammit. Anke Lolly Debattista kien qed jirritorna fit-team Furjaniż wara sospensjoni ta' logħba. Huwa kien tkeċċa fil-partita kontra Sliema Wanderers fit-13 ta' Diċembru. F'din il-partita Lolly Debattista ġie ammonit mir-referee fit-43 minuta meta xejjer bis-sieq lil Jimmy Mizzi fejn il-Bord tad-Dixxiplina fit-28 ta' Jannar waħħlu sospensjoni ta' partita oħra.
12 Hibernians iddeċidew li jittrasferixxu lill-player Charlie Grech lura ma' Siġġiewi fit-Tielet Diviżjoni wara li kien naqas li jħalli mpressjoni tajba. Huwa kien ilu magħhom ftit inqas minn xahrejn fejn lagħab żewġ logħbiet tal-kampjonat iżda naqas li jħalli mpressjoni tajba.
13. Floriana kellhom jgħaddu mingħajr is-servizzi tad-difenrur tagħhom Joe Grima għas-sitt xhur li ġejjin minħabba li s-Sibt 2 ta' Jannar 1965 kien mar fuq xogħol fi Tripli flimkien ma' 12-il ħaddiem ieħor tad-Dockyard.

Valletta FC lagħbu partita aktar; Gżira United u Rabat FC lagħbu partita inqas

Klassifika: Hibernians FC u Sliema Wdrs. FC 11-il punt; Valletta FC 10 pti.; Floriana FC 8 pti.; Ħamrun Sp. FC 4 pti.; Rabat FC u Gżira Utd. FC 2 pti.

L-Aqwa Skorers: V. Cassar (Hibernians FC) 7 goals; T. Cauchi (Floriana FC) u R. Buttigieg (Sliema Wdrs. FC) 6 goals; J. Cini (Sliema Wdrs. FC); F. Zammit u T. Calleja (Valletta FC) 5 goals; T. Connor u G. Micallef (Valletta FC) 4 goals.

*Tonio Farrugia*



# FUTBOL INTERNAZZJONALI: IL-UEFA NATIONS LEAGUE U L-KAMPJONATI EWROPEJ

## Punt ieħor għal Malta u issa timmira li tevita l-aħħar post fil-grupp

It-tim nazzjonali Malti żied punt ieħor u issa għandu żewġ punti wara ż-żewġ logħbiet li lagħab kontra l-Kosovo u l-Ażerbaijan barra minn darna. Dan il-punt jagħti fiduċja li Malta ma tispiċċax fl-aħħar post fi Grupp 3 ta' League D. F'żewġ logħbiet f'temp ta' erbat'ijiem tlifna kontra l-Kosovo fi Pristina 3-1 u erġajna ġejna draw 1-1 kontra l-Azerbaijan f'Baku. Il-kowċ nazzjonali Ray Farrugia kien ottimist li niksbu xi ħaġa minn dawn il-logħbiet u akkwistajna punt iżda fisser ruħu li issa rridu nakkwistaw xi punti mill-logħbiet li fadlilna nilagħbu f'darna kontra l-Kosovo u l-Faroe Islands biex nevitaw l-aħħar post.

Wara d-draw f'Baku, Ray Farrugia rringrazzja lill-players kollha għall-wirja qalbiena li taw u jemmen li bil-paċenzja dak li qed jippjana għall-futur tat-tim nazzjonali nistgħu nakkwistawh. Farrugia kellu tifħir għall-players kollha li ħadu sehem f'Baku u konvint li l-players żgħażagħ li qed jidħlu fit-tim għad għandhom bżonn l-esperjenza tal-players veterani ma' ġenbhom bħal Michael Mifsud, Andrei Schembri, Roderick Briffa, Paul Fenech Clayton Failla u oħrajn. Farrugia jemmen li l-mentalita' tat-tim f'dawn l-aħħar għaxar snin qed tinbidel bil-mod u bil-paċenzja u hemm post għal aktar players żgħażagħ fit-tim Malti.

Farrugia semma wkoll dwar il-kritika li qala' t-tim nazzjonali wara l-logħba kontra l-Kosovo. Hu qal li kulħadd għandu dritt jikkritika għax jemmen li minnha jista' jitgħallem anzi konvint li l-kritika ssaħħu. Farrugia qal li kemm il-Kosovo kif ukoll l-Ażerbaijan huma żewġ timijiet aktar qawwija mit-tim Malti. It-tim Malti fl-erba' logħbiet li lagħab skorja f'kull logħba u dan hu sinjal ċar li t-tim Malti qed ikun aktar offensiv minn qatt qabel fil-ħsieb tal-logħob tiegħu. Malta kellha logħba tajba kontra l-Faroe Islands u tlifna 3-1 (goal ta' Michael Mifsud) u mbagħad ġejna draw 1-1 kontra l-Ażerbaijan (goal ta' Andrei Agius) f'Ta' Qali.

Fil-logħba kontra l-Kosovo, Malta tilfet 3-1 u setgħet tilfet bi skor akbar ukoll li ma kienx għall-wirja spettakolari tal-goalkeeper Malti, Andrew Hogg u l-lasta li ċaħdet lil Kosovo f'żewġ okkażjonijiet oħra. F'din il-logħba, Malta kellha ftit mumenti tajbin speċjalment wara d-draw momentarju miksub minn Andrei Agius li kien qed jiskorja t tielet goal tiegħu f'ħames logħbiet. F'din il-logħba għal Malta ddebutta ż-żagħżugħ Juan Carlos Corbolan player tal-Gżira u l-Għawdxi Fernando Apap li jilgħab ma' Victoria Hotspurs li kien qed jilgħab it-tieni logħba tiegħu u l-ewwel waħda mill-bidu. Imma mbagħad lejn it-tmiem tkeċċa l -captain ta' Malta, Micheal Mifsud.

Din kienet l-ewwel logħba internazzjonali li Malta qatt lagħbet kontra l-Kosovo li għalkemm hu ġdid jidher li jista' jimxi 'il quddiemn fil-futur għax hu tim b'saħħtu bil-players kollha tiegħu jilagħbu f'kampjonati mferxin ma' l-Ewropa kollha.

## Draw f'Baku

Fil-logħba kontra l-Ażerbaijan f'Baku li ntemmet 1-1, il-kowċ Ray Farrugia għamel xi tibdil mil-logħba kontra l-Kosovo u reġa' wera fiduċja f'Joseph Mbong u Juan Carlos Corbolan li bla dubju t-tnejn kienu validi fiż-żewġ logħbiet propju fil-magħmudija tagħhom bil-flokk nazzjonali. Fil-logħba kontra l-Azerbaijan, Corbolan seta' kiseb ir-rebħa iżda kien sfortunat li laqat il-lasta. Lejn it-tmiem f'Baku lagħab ukoll għall-aħħar minuti Jake Grech żagħżugħ ieħor promettenti li wkoll għandu futur brillanti quddiemu. Għal din il-logħba Farrugia reġa' kellu neqsin lil Zach Muscat u Luke Gambin iżda kien hemm lura fit-tim Ryan Camilleri u Joseph Zerafa li ħadu post Fernando Apap u Clayton Failla mil-logħba kontra l-Kosovo. Farrugia issa jittama li żewġ players, Zach Muscat u Luke Gambin, li kienu neqsin għaż-żewġ logħbiet li lagħab it-tim Malti. ikunu għad-dispożizzjoni tiegħu fil-logħbiet li jmiss kontra l-Kosovo u l-Faroe Islands f'Malta.

It-tnejn kienu neqsin minħabba impenji mat-timijiet tagħhom, Muscat ma' Pistioese u Gambin ma' Crawley. Kien nieqes ukoll Mifsud ghax kien sospiż wara li tkeċċa kontra l-Kosovo. Għal-logħba li Malta jmissha kontra l-Kosovo se jkollha tilgħab mingħajr Andrei Agius u Steve Borg li se jkunu sospiżi. Kontra l-Azerbaijan kienet Malta li fetħet l-iskor permezz ta' Rowen Muscat wara assist ta' Corbolan. Għal Muscat dan kien l-ewwel goal tiegħu ma' Malta. L-Ażerbaijan ġabu d-draw wara seba' minuti tat-tieni taqsima permezz ta' Matadov u ħames minuti wara setgħu marru fil-vantaġġ meta laqtu sieq il-lasta. Iżda Malta kellha fejn tmur fil-vantaġġ fis-70 minuta meta Corbolan, wara azzjoni personali, laqat il-lasta. Il-formazzjonijiet tal-logħbiet ta' Malta kontra l-Kosovo u l-Ażerbaijan kienu dawn:

### KOSOVO 3 (1) - MALTA 1 (0)

**KOSOVO** Samir Ujkani, Fidan Aliti, Herolind Shala, Hekuran Kryeziu, Arber Zeneli (76 Milot Rashica), Amir Rrahmani, Valon Berisha (74 Besar Halimi), Mergim Vojvoda, Benjamin Kololli, Vedat Muriqi, Edon Zhegova.

**MALTA** Andrew Hogg, Joseph Mbong, Steve Borg, Andrei Agius, Paul Fenech (60 Roderick Briffa), Michael Mifsud, André Schembri (64 Alfred Effiong), Rowen Muscat (83 Steve Pisani), Clayton Failla, Juan Corbalan, Ferdinando Apap.

**Referee:** Tamás Bognar (Ungerija)

**Assistenti referees:** Balázs Buzás, Theodoros Georgiou (Ungerija)

**Assistenti referees addizjonali:** Ferenc Karakó, Peter Solymosi (Ungerija)

**Ir-raba' ufficjal:** Péter Kóbor (Ungerija)

### AŻERBAIJAN 1 (0) - MALTA 1 (1)

**AŻERBAIJAN:** Kamran Agayev, Gara Garayev, Pavlo Pashayev, Maksim Medvedev, Araz Abdullayev, Dmitri Nazarov, Rufat Dadasov, Mahir Madatov (77' Javid Imamverdiyev), Rahul Mammadov (46' Tamkin Khalilzade), Richard Almeida, Badavi Huseynov.

**MALTA:** Andrew Hogg, Joseph Zerafa, Steve Borg, Andrei Agius, Paul Fenech, Joseph Mbong, André Schembri (86' Jean Paul Farrugia), Rowen Muscat (70' Roderick Briffa), Juan Corbalan, Ryan Camilleri, Alfred Effiong (82' Jake Grech).

**Referee:** Ivan Bebek (Kroazja)

**Assistenti referees:** Tomislav Petrović, Miro Grgić (Kroazja)

**Assistenti referees addizjonali:** Mario Zebec and Goran Gabrilo (Kroazja)

**Ir-Raba' Uffiċjal:** Goran Pataki (Kroazja)






## 750,000 euro għal Malta

Malta se tirċievi is-somma ta' 750,00 euro talli qed tieħu sehem fl-ewwel edizzjoni tal-UEFA Nations League. Originarjament Malta kienet se tircievi 250,000 euro imma l-UEFA irrevediet is-sehem lil kull wieħed mill-55 nazzjon parteċipant fl-ewwel edizzjoni b'50 fil-mija. Dan ifisser li l-parteċipanti fi Grupp A se jirċievu 2.25 miljun euro, dawk ta' Grupp B 1.5 miljun euro u l-parteċipanti fi Grupp C se jieħdu 1.125 miljun euro. Din l-ewwel kompetizzjoni f'forma ta' kampjonat għan-nazzjonijiet Ewropej li bdiet f'Settembru se tintemm f'Ġunju tal-2019 bejn l-erba' rebbieħa tal-gruppi f'League A u r-rebbieħ tat-titlu jirċievi 10.5 miljun euro.

## Il-finali f'Ġunju 2019

Fil-kampjonati l-oħra f'dan il-kampjonat, it-timijiet kważi kollha qed jużaw il-logħbiet biex jesperimentaw milli biex jirbħu xi ħaġa.

Eżempju ċar hu dak li qed jagħmlu ż-żewġ nazzjonijiet li għandhom l-akbar appoġġ f'pajjiżna l-Ingilterra u l-Italja. Kemm il-kowċ Taljan Roberto Mancini kif ukoll dak tal-Ingilterra Gareth Southgate fil-logħbiet li lagħbu sa issa qed idaħħlu demm ġdid fit-timijiet nazzjonali. Anki timijiet oħrajn qed jagħmlu l-istess bħal fil-każ taċ-champions tad-Dinja Franza, il-Ġermanja u anki Spanja li issa għandhom bħala kowċ nazzjonali lil Luis Fernandez. li l-Federazzjonai Spanjola ħatret wara d-diversi suċċessi li dan kellu kemm bħala player kif ukoll bħala kowċ riċentement mal-klabb ta' Barcelona.

Sa issa qed jidher li r-rebbieħa tal-erba' gruppi f'League A li f'Ġunju tal-2019 se jikkontestaw ir-rebħ tat-titlu jistgħu jkunu Franza, il-Belġju, il-Portugall jew l-Italja u Spanja, Jidher li l-Ingilterra li qed tilgħab fil-grupp ma' Spanja u l-Kroazja mhux se tagħmilha mal-aħħar erba' fil-fażi finali. L-Italja fil-grupp mal-Portugall u l-Polonja għad tista' tikkwalifika jekk tirbaħ il-logħba li fadlilha kontra l-Portugall wara li fl-aħħar logħba kontra l-Polonja tat lil Mancini l-ewwel rebħa kompetittiva wara rebħa ta' 1-0 fil-Polonja.

F'League B, fuq quddiem fil-gruppi hemm l-Ukrajna. ir-Russja, il-Boznja Herzegovina u d-Danimarka. F'League C, qed jillidijaw il-gruppi hemm l-Iskozja, il-Finlandja, il-Bulgarija u s-Serbja. F'League D li fih qed tilgħab Malta fi Grupp 3 fuq quddiem hemm il-Georgia, il-Belarus, il-Kosovo u l-Maċedonja. Ta' min jgħid li fi tmiem il-logħbiet tal-gruppi jkun hemm promozzjoni u relegation mil-Leagues kollha.




## Bayern u Real Madrid fi kriżi

Wara l-ewwel ftit partiti mill-Kampjonati Ewropej għall-istaġun 2018-19 kollox jidher li sejjer tajjeb għal Juventus, Manchester City u Paris SG kollha Champions ta' pajjiżhom fl-istaġun l-ieħor iżda mhux l-istess jista'; jingħaqad għal Bayern Munich u Real Madrid li qed isibuha diffiċli u jokkupaw l-ewwel post.

F'La Liga, anki Barcelona ma kellhomx bidu tajjeb wisq iżda qed jirkupraw u jinsabu ftit punti wara l-leaders Seville segwiti minn Atletico Madrid. Imbagħad fir-raba' post hemm Real Madrid li l-effett Ronaldo qed iħossuh minkejja li dan l-aħħar weġġawlhom Benzema u Isco. Fis-Serie A u anki fiċ-Champions League Juventus qed jiddominaw issa b'Ronaldo anki jekk l-istilla Portugiża bħalissa għaddej minn burraxka għax l-eks mudella Amerikana Katyrn Mayonga qed takkużah li stuprha, li Ronaldo qed jiċħad kategorikament.

Il-ġurnal "The Sun" irrapporta li Ronaldo diġa nefaq $1 miljun biex jiddefendi ruħu waqt li "La Gazzetta dello Sport" irrapportat li l-ftehim ta' $375,000 bejn Ronaldo u Mayonga m'għadux validu jekk qatt kien sar. Dan il-każ naqqas il-valur tal-ishma ta' Juventus f'diversi boroż madwar l-Italja. Intant it-timijiet ta' Napoli u ta' Milan, Inter u Milan qed isegwu lil Juventus. Fl-Ingilterra l-isfida li qed ikollhom Man City hija enormi għax hemm tal-inqas erba' timijiet oħra li qed jisfidawhom. Dawn huma Chelsea, Liverpool, Arsenal u Tottenhan. Man Utd u Jose Mourinho għaddew minn kriżi li ttaffiet xi ftit bir-rebħa drammatika ta' 3-2 li għamlu kontra Newcastle logħba li kienu qed jitilfu 0-2.

Fi Franza, Paris SG ta' Neymar u Mbappe bnew vantaġġ sostanzjali fil-quċċata u jidher li f'La Ligue m'għandhomx oppożizzjoni minkejja li Lyon u Oly. Marseille jidhru timijiet qawwija. Dan l-aħħar PSG taw ħamsa lil Lyon u skorja erba' goals Mbappe. Tim li sejjer ħażin ferm hu AS Monaco li jinsabu fil-parti ta' isfel tal-klassifika. Dan wassal biex t-tim mill-Prinċipjat ta' Monaco jibdel il kowċ u ħatru lil Thierry Henry li kien beda l-karriera tiegħu fil-futbol ma' dan it-tim qabel lagħab ukoll ma'Juventus u Arsenal u anki mat-team nazzjonali Franċiż. Dan l-aħħar hu kien assistent kowċ ta' Roberto Martinez mat-tim nazzjonali Belġjan.

Fil-Bundesliga, Bayern li għal snin twal iddominaw għaddejjin minn fażi ħażin u wara żewġ telfiet niżlu jokkupaw is-sitt post. It-tim li ħadilhom posthom fil-quċċata hu Borussia Dortmund għalkemm kollox għad jista' jinbidel favur it-tim minn Munich.

EuroSport
Malta's Leading Sports & Casual Shops

# SPOT THE BALL

u irbah **Flokk ta' Manchester United**




Kull xahar għandek iċ-ċans tirbaħ ma' Sportiv. Ibgħat is-Soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Novembru, 2018

Sportiv Magazine, Kompetizzjoni Spot the Ball, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000.

Flimkien mat-tweġiba tiegħek ikteb l-isem, il-kunjom, l-indirizz u n-numru tat-telefon.

Ir-rebbieħ jingħata flokk ta' Manchester United ġentilment mogħti lilna minn Eurosport.

## Soluzzjoni Ħarġa nru. 138




Ir-Rebbieħa tal-Kompetizzjoni "Spot the Ball" ta' Ħarġa nru. 138 huwa:
**N. Attard - Qormi**

# TISLIBA



### MIMDUDIN

1) Jakub, winger ta' Wolfsburg u l-Polonja (14)
8) Wieħed mill-istadiums fil-Fifa WC 2010 fli Stati Uniti (6,8)
9) Ramón, midfielder Arġentin fil-Fifa WC 1962 (7)
11) Julio César, ex midfielder u coach tal-Peru (5)
13) Gelmin, attakkant attwali tal-Veneżwela (5)
15) Hakobyan, ex attakkant tal-Armenja (3)
17) Fabregas (4)
18) "First-..." (3)
20) Andrés, il-player Kolumbjan li nqatel wara l-Fifa WC 1994 (7)
21) Demba, ex attakkant ta' Chelsea u s-Senegal (2)
22) Kenny, aktar minn 500 partita ma' Tranmere u Huddersfield (5)
24) Alexandar, ex midfielder ta' Ascoli u l-Jugoslavja (10)
27) u 28) José, right-back ta' Athletic Bilbao fis-snin 50 (4)
28) Ara 27 Mimdudin
30) Vital, difensur tal-Belgju fil-Fifa WC 1994-1998 (10)
31) Silvio, 90 partita għal Malta, illum coach tal-Under-21 (5)
32) Clinton, winger ta' Marseille u l-Kamerun (1'3)
33) Mikey, winger attwali ta' Ġibilta' (4)

### WEQFIN

1) Roderick, ex midfielder ta' Malta (11)
2) Axel, ex player ta' li Żvezja fis-snin 20 (10)
3) Samuel, goalkeeper tar-Rumanija tas-snin 30 (6)
4) Andrija, winger ta' Benfica u s-Serbja (8)
5) Loris, goalkeeper ta' Liverpool misluf lil Besiktas (6)
6) Goalkeeper tat-club Ċiniż Shenzhen Ledman (2,3)
7) Jan, 91 partita u 55 goal għar-Repubbblika Ċeka (6)
10) Djalma, ex difensur tal-Botafogo u l-Brażil (4)
12) Andriy, midfielder tal-Unjoni Sovjetika 1981-1989 (3)
14) Dassler, fundatur ta' kumpanija rinomata ta' kits sportivi (5)
16) Hartford, midfielder b'50 partita ma' li Skozja (3)
19) Club ta' League One fl-Ingilterra imwaqqaf fl-1887 (8)
20) Cambiasso, 315 u 41 goal ma' Internazionale (7)
23) Andreas, left wing-back attwali ta' Ċipru (6)
25) Willie, lagħab 2 partiti ma' li Skozja fl-1929 (5)
26) Domenico, ex midfielder ta' Fiorentina, Inter u Lazio (4)
29) u 31) Clive Mizzi, ex coach ta' Mqabba, Pieta' u Sliema (5)
31) Ara 29) Weqfin

## Soluzzjoni - Ħarġa nru 138

| | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| G | I | U | S | E | P | P | E | M | E | A | Z | Z | A |
| U | | R | | L | | E | | A | | T | | V | |
| A | Z | P | I | L | I | Č | U | E | T | A | | Ö | |
| R | | A | | E | | C | | V | | L | A | N | E |
| D | I | N | A | R | | I | L | I | J | A | | I | |
| I | | I | L | I | E | | | C | | N | O | M | M |
| O | K | | A | N | | F | L | I | N | T | | I | |
| L | | F | | G | | | E | | G | A | B | R | I |
| A | H | L | S | T | R | O | M | | O | | A | | N |
| | | A | | O | | M | I | L | L | E | R | | F |
| S | I | M | O | N | E | | N | | O | | I | S | A |
| E | | I | | | G | E | A | R | | | S | | N |
| P | E | N | A | R | O | L | | O | D | D | O | | T |
| P | | I | | | N | O | E | L | | O | N | Z | E |

Created by Joseph Pisani - Papillon Services - Malta - Tel: 356 7906 8305 - E-Mail: pisanijoseph@gmail.com

Isem u kunjom

Indirizz

E-mail

Rebbieħa Ħarġa nru 138: **P. Sciberras - Gudja**

FITNESS STUDIO

Kull xahar qed tintrebaħ membership ta' xahar għand **FITNESS STUDIO**
Ibgħat is-soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Novembru 2018:
**Sportiv Magazine Kompetizzjoni Tisliba, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000.**


adidas
asics
Babolat
diadora
HIGH POWER
LEONE
SINCE 1947
macron
TEAMSPORT
Triq Dun Karm (Birkirkara Bypass), Iklin | Psaila Street, Birkirkara
Reebok
speedo
molten
Sixtus
MCDAVID
UNDER ARMOUR.
TYR


BECOME A
REFEREE
REFEREEING
IS...FUN
referees@mfa.com.mt
RECRUITMENT
NOW OPEN!
Contact referees@mfa.com.mt
MALTA FOOTBALL ASSOCIATION
1900

i

Click

**inewsmalta**.com

immedjat | informattiv | investigattiv

iNEWS MALTA